# ANNESS I

# SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Fiasp 100 unità/mL FlexTouch soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest
Fiasp 100 unità/mL Penfill soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ
Fiasp 100 unità/mL soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett
Fiasp 100 unità/mL PumpCart soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità ta' insulina aspart*(ekwivalenti għal 3.5 mg).

Fiasp 100 unità/mL FlexTouch soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest

Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 3 mL.

Fiasp 100 unità/mL Penfill soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

Kull skartoċċ fih 300 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 3 mL.

Fiasp 100 unità/mL soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett

Kull kunjett fih 1,000 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 10 mL.

Fiasp 100 unità/mL PumpCart soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

Kull skartoċċ fih 160 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 1.6 mL.

*Insulina aspart hi magħmula permezz tat-teknoloġija tad-DNA rikombinanti f'*Saccharomyces cerevisiae*.

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Fiasp 100 unità/mL FlexTouch soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest

Soluzzjoni għall-injezzjoni. (FlexTouch).

Fiasp 100 unità/mL Penfill soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

Soluzzjoni għall-injezzjoni. (Penfill).

Fiasp 100 unità/mL soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett

Soluzzjoni għall-injezzjoni.

Fiasp 100 unità/mL PumpCart soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ

Soluzzjoni għall-injezzjoni. (PumpCart).

Soluzzjoni ċara, bla kulur u akweja.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

## 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Għall-kura tad-dijabete mellitus fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena ’l fuq.

## 4.2 Pożoloġija u metodu ta’ kif għandu jingħata

Pożoloġija

Fiasp hu insulina li tittieħed f’ħin l-ikel għall-għoti minn taħt il-ġilda sa 2 minuti qabel il-bidu tal-ikla (0-2 minuti), bl-għażla li jingħata sa 20 minuta wara li tibda l-ikla (ara sezzjoni 5.1).

Id-dożaġġ b’Fiasp huwa partikulari għal kull individwu u jiġi determinat skont il-ħtiġijiet tal-pazjent. Fiasp mogħti permezz ta’ injezzjoni taħt il-ġilda għandu jintuża flimkien ma’ insulina li taġixxi b’mod intermedju jew fit-tul, mogħtija mill-inqas darba kuljum. F’skeda ta’ trattament bażali – bolus madwar 50 % ta’ din il-ħtieġa tista’ tiġi pprovduta minn Fiasp u l-bqija permezz ta’ insulina li taġixxi b’mod intermedju jew fit-tul

Il-ħtieġa individwali totali ta’ kuljum tal-insulina fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal tista’ tvarja u hija normalment bejn 0.5 u unità 1/kg/jum.
Sabiex jinkiseb l-aħjar kontroll gliċemiku possibbli, huwa rrakkomandat il-monitoraġġ tal-glukosju fid-demm u l-aġġustament tad-doża tal-insulina.

Jista’ jkun hemm bżonn ta’ aġġustament fid-doża jekk il-pazjenti jżidu l-attività fiżika tagħhom, jibdlu d-dieta normali tagħhom jew waqt xi mard li jkun hemm fl-istess żmien. Il-livelli tal-glukosju fid-demm għandhom jiġu mmonitorjati b’mod adegwat taħt dawn il-kundizzjonijiet.

It-tul tal-azzjoni jvarja skont id-doża, is-sit tal-injezzjoni, il-fluss tad-demm, it-temperatura u l-livell tal-attività fiżika.

Pazjenti fuq kura bażilari-bolus li jinsew jieħdu d-doża fil-ħin tal-ikel huma avżati biex jimmonitorjaw il-livell ta’ glukosju fid-demm tagħhom biex jiddeċiedu jekk tkunx meħtieġa doża tal-insulina. Il-pazjenti għandhom ikomplu bl-iskeda normali tad-dożaġġ tagħhom fl-ikla li jmiss.

Il-qawwa tal-analogi tal-insulina, inkluż Fiasp hi espressa f’unitajiet. Unità waħda ta’ Fiasp tikkorrispondi għal unità internazzjonali waħda ta’ insulina umana jew unità waħda ta’ analogi oħrajn tal-insulina li jaġixxu malajr.

Wieħed għandu jikkunsidra l-bidu bikri t’azzjoni meta tinkiteb riċetta għal Fiasp (ara sezzjoni 5.1).

*Bidu*
*Pazjenti b’dijabete mellitus ta’ tip 1*
Id-doża tal-bidu rakkomandata f’pazjenti b’dijabete mellitus ta’ tip 1 li qatt ma ħadu insulina hija ta’ madwar 50% tad-doża totali tal-insulina ta’ kuljum u għandha tinqasam bejn l-ikliet skont id-daqs u l-kompożizzjoni tal-ikliet. Il-bqija tad-doża totali tal-insulina ta’ kuljum għandha tingħata bħala insulina li taġixxi b’mod intermedju jew fit-tul. Bħala regola ġenerali, 0.2 sa 0.4 unitajiet ta’ insulina għal kull kilogramma ta’ piż tal-ġisem, jistgħu jintużaw biex tiġi kkalkulata d-doża inizjali totali ta’ insulina ta’ kuljum f’pazjenti b’dijabete mellitus ta’ tip 1 li qatt ma ħadu insulina.

*Pazjenti b’dijabete mellitus ta’ tip 2*
Id-doża tal-bidu ssuġġerita hija ta’ 4 unitajiet f’ikla waħda jew aktar minn ikla waħda. In-numru ta’ injezzjonijiet u t-titrazzjoni sussegwenti jiddependu fuq il-mira gliċemika individwali u d-daqs u l-kompożizzjoni tal-ikliet.

Aġġustamenti tad-doża jistgħu jiġu kkunsidrati ta’ kuljum skont il-glukosju fil-plażma mkejjel mill-pazjent innifsu (SMPG) fil-jum(jiem) preċedenti skont Tabella 1.

• Id-doża ta’ qabel il-kolazzjon għandha tiġi aġġustata skont l-SMPG ta’ qabel l-ikla ta’ nofsinhar fil-jum ta’ qabel
• Id-doża ta’ qabel l-ikla ta’ nofsinhar għandha tiġi aġġustata skont l-SMPG ta’ qabel iċ-ċena ta’ filgħaxija fil-jum ta’ qabel
• Id-doża ta’ qabel iċ-ċena ta’ filgħaxija għandha tiġi aġġustata skont l-SMPG fil ħin-tal-irqad fil-jum ta’ qabel

**Tabella 1 Aġġustament fid-doża**

| **SMPG (ara hawn fuq)** | | **Aġġustament fid-doża** |
|---|---|---|
| mmol/L | mg/dL | Unità |
| <4 | <71 | -1 |
| 4-6 | 71-108 | L-ebda aġġustament |
| >6 | >108 | +1 |

*Popolazzjonijiet speċjali*
*Pazjenti anzjani (≥65 sena)*
Ġew determinati s-sigurtà u l-effikaċja ta’ Fiasp f’pazjenti anzjani b’età minn 65 sa 75 sena. Monitoraġġ mill-qrib tal-glukosju hu rakkomandat u d-doża tal-insulina għandha tiġi aġġustata fuq bażi individwali (ara sezzjoni 5.1 u 5.2). L-esperjenza terapewtika f’pazjenti ta’ ≥75 sena hija limitata.

*Indeboliment renali*
L-indeboliment renali jista’ jnaqqas il-ħtiġijiet tal-pazjent għall-insulina. F’pazjenti b’indeboliment renali, il-monitoraġġ tal-glukosju għandu jsir b’mod aktar intensiv u d-doża għandha tiġi aġġustata fuq bażi individwali (ara sezzjoni 5.2).

*Indeboliment epatiku*
L-indeboliment epatiku jista’ jnaqqas il-ħtiġijiet tal-pazjent għall-insulina. F’pazjenti b’indeboliment epatiku, il-monitoraġġ tal-glukosju għandu jsir b’mod aktar intensiv u d-doża għandha tiġi aġġustata fuq bażi individwali (ara sezzjoni 5.2).

*Popolazzjoni pedjatrika*
Fiasp jista’ jintuża fl-adolexxenti u fit-tfal mill-età ta’ sena (ara sezzjoni 5.1). M’hemm ebda esperjenza klinika fl-użu ta’ Fiasp fit-tfal taħt is-sentejn.
Hu rrakkomandat li Fiasp jingħata qabel l-ikla (0-2 minuti), bil-flessibilità li jingħata sa 20 minuta mill-bidu tal-ikla f’sitwazzjonijiet fejn m’hemmx ċertezza dwar meta se tittieħed l-ikla.

*It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħrajn ta’ insulina*
Huwa rrakkomandat li jsir monitoraġġ mill-qrib tal-glukosju waqt it-trasferiment minn insulini oħrajn li jittieħdu fil-ħin tal-ikel u fl-ewwel ġimgħat wara li jsir it-trasferiment. Il-bidla minn insulina oħra li tittieħed fil-ħin tal-ikel tista’ ssir fuq bażi ta’ unità għal unità. It-trasferiment ta’ pazjent minn tip, marka jew manifattur ieħor ta’ insulina għal Fiasp irid isir taħt superviżjoni medika u jista’ jirriżulta fil-ħtieġa ta’ bidla fid-doża.

Id-dożi u l-ħin tal-għoti ta’ prodotti mediċinali tal-insulina li jintużaw fl-istess żmien u li jaġixxu b’mod intermedju jew fit-tul jew kura oħra antidijabetika li qed tittieħed flimkien, jista’ jkollhom bżonn ta’ aġġustament.

Metodu ta’ kif għandu jingħata

*Injezzjoni taħt il-ġilda*
Fiasp hu rrakkomandat li jingħata taħt il-ġilda permezz ta’ injezzjoni fiż-żaqq jew fin-naħa ta’ fuq tad-driegħ (ara sezzjoni 5.2). Dejjem għandha ssir rotazzjoni tas-siti tal-injezzjoni fl-istess żona sabiex jitnaqqas ir-riskju ta’ lipodistrofija u ta’ amilojdożi tal-ġilda (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.8).

*Fiasp 100 unità/mL FlexTouch soluzzjoni għall-injezzjoni f’pinna mimlija għal-lest*
Il-pinna mimlija għal-lest (FlexTouch) tforni 1-80 unità f’żidiet ta’ unità 1.

FlexTouch tiġi b'fuljett ta' tagħrif b'istruzzjonijiet dettaljati għall-użu li għandhom jiġu segwiti.Għal istruzzjonijiet dwar l-għoti, ara "Istruzzjonijiet għall-Użu" fl-aħħar tal-fuljett ta' tagħrif.

Il-pinna mimlija għal-lest hija tajba biss għall-injezzjonijiet minn taħt il-ġilda. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta'pompa tal-infużjoni għandu jintuża kunjett jew skartoċċ PumpCart.

*Fiasp 100 unità/mL Penfill soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ*
L-għoti permezz ta' pinna tal-insulina li terġa' tintuża
Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini għandu jintuża kunjett. Jekk ikun hemm bżonn ta' teħid permezz ta'pompa tal-infużjoni għandu jintuża kunjett jew skartoċċ PumpCart (ara sezzjoni 6.6).

*Fiasp 100 unità/mL soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett*
L-għoti permezz ta' siringa
Il-kunjett għandu jintuża ma' siringi tal-insulina bl-iskala korrispondenti ta' unità (unitajiet-100 jew 100 unità/mL).

Infużjoni kontinwa tal-insulina minn taħt il-ġilda (CSII)
Fiasp soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett jista' jintuża għal CSII f'pompi xierqa għall-infużjoni tal-insulina u se tkopri kemm il-ħtieġa tal-insulina bolus (madwar 50 %) u kemm l-isulina bażali. Jista' jingħata skont l-istruzzjonijiet ipprovduti mill-manifattur tal-pompa, preferibbilment fiż-żaqq. Meta jintuża ma' pompa tal-infużjoni tal-insulina, m'għandux jiġi dilwit jew imħallat ma' kwalunkwe prodotti mediċinali oħrajn tal-insulina.

Pazjenti li jużaw CSII għandhom jingħataw istruzzjonijiet dwar l-użu tal-pompa u li jużaw ir-reċipjent u t-tubi l-korretti għall-pompa (ara sezzjoni 6.6). Is-sett tal-infużjoni (tubi u kannula) għandu jinbidel skont l-istruzzjonijiet li hemm fl-informazzjoni dwar il-prodott mogħtija mas-sett tal-infużjoni.

Pazjenti li jieħdu Fiasp permezz ta' CSII jridu jiġu mħarrġa biex jieħdu l-insulina permezz ta' injezzjoni u jkollhom terapija alternattiva tal-insulina disponibbli f'każ li l-pompa ma taħdimx.

*Fiasp 100 unità/mL PumpCart soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ*
L-għoti permezz ta' CSII
L-iskartoċċ (PumpCart) huwa għall-użu biss ma' sistema ta' pompa tal-infużjoni għall-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ (ara sezzjoni 6.6).

Fiasp ikopri l-ħtieġa kemm ta' insulin bolus (madwar 50%) u kemm ta' insulin bażali. Jista' jingħata skont kif hemm fl-istruzzjonijiet ipprovduti mill-manifattur tal-pompa, preferibbilment fl-addome. Fl-istess reġjun, is-sit tal-infużjoni għandu jinbidel sabiex tnaqqas ir-riskju ta' lipodistrofija.
Pazjenti li qed jużaw CSII għandhom jiġu mgħallma fl-użu tal-pompa u l-użu korrett tal-pajpijiet tal-pompa (ara sezzjoni 6.6). Is-sett tal-infużjoni (pajpijiet u kannula) għandhom jinbiddlu skont kif hemm fl-istruzzjonijiet tal-informazzjoni tal-prodott li jiġi mas-sett tal-infużjoni.

Pazjenti li qed jingħataw Fiasp permezz ta' CSII għandhom jiġi mħarrġa fl-għoti tal-insulina permezz ta' injezzjoni u li jkollhom terapija alternattiva ta' insulin f'każ li jkun hemm xi ħsara fil-pompa.

L-iskartoċċ (PumpCart) huwa tajjeb biss għal CSII f'sistemi ta' pompi li huma tajbin għall-infużjoni tal-insulina. Jekk ikun hemm bżonn ta' għoti permezz ta' siringa jew ta' injezzjoni minn ġol-vini għandu jintuża kunjett.

*Użu għal ġol-vini*
*Fiasp 100 unità/mL soluzzjoni għall-injezzjoni f'kunjett*
Jekk ikun meħtieġ, Fiasp jista' jingħata minn ġol-vini minn professjonisti tal-kura tas-saħħa.
Għall-użu minn ġol-vini, għandu jintuża f'konċentrazzjonijiet minn 0.5 unità/mL għal 1.0 unità/mL ta' insulina aspart f'sistemi tal-infużjoni – bl-użu ta' boroż tal-infużjoni tal-polypropylene.

Fiasp m'għandux jitħallat ma kwalunkwe insulina oħra jew prodott mediċinali ieħor ħlief dawk imsemmija f'sezzjoni 6.6. Għal istruzzjonijiet dwar id-dilwizzjoni tal-prodott mediċinali qabel l-għoti, ara sezzjoni 6.6
Il-monitoraġġ tal-glukosju fid-demm hu meħtieġ waqt l-infużjoni tal-insulina. Wieħed għandu joqgħod attent li jaċċerta ruħu li l-insulina tiġi injettata ġol-borża tal-infużjoni u mhux sempliċiment fl-*entry port*.

## 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1.

## 4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Traċċabilità
Sabiex titjib it-traċċabilità ta' prodotti mediċinali bijoloġiċi, l-isem u n-numru tal-lott tal-prodott li ġie mogħti għandhom jitniżżlu b'mod ċar.

<u>Ipogliċemija</u>

Li taqbeż ikla jew li tagħmel eżerċizzju fiżiku qawwi mhux ippjanat, jista' jwassal għall-ipogliċemija.

L-ipoġliċemija tista' sseħħ jekk id-doża tal-insulina tkun għolja wisq meta mqabbla mal-ħtieġa għall-insulina (ara sezzjonijiet 4.8 u 4.9).

Pazjenti, li l-kontroll tal-glukosju fid-demm tagħhom jitjieb bil-kbir, eż. permezz ta' terapija bl-insulina intensifikata, jista' jkollhom bidla fis-sintomi normali tagħhom ta' twissija ta' ipogliċemija, u għandhom jingħataw parir kif xieraq. Is-sintomi normali ta' twissija jistgħu jisparixxu f'pazjenti li ilhom bid-dijabete għal żmien twil.

Il-ħin li fiha sseħħ l-ipogliċemija normalment jirrifletti l-profil tal-ħin-azzjoni tal-formulazzjoni tal-insulina mogħtija. L-ipogliċemija tista' sseħħ aktar kmieni wara injezzjoni/infużjoni meta mqabbla ma' insulini oħrajn li jingħataw fil-ħin tal-ikel billi Fiasp jibda jaħdem aktar kmieni (ara sezzjoni 5.1).

Billi Fiasp għandu jingħata sa 2 minuti qabel il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jingħata sa 20 minuta wara li tibda l-ikla, il-ħin sakemm jibda jaħdem għandu jiġi kkunsidrat meta tingħata riċetta lil pazjenti b'mard jew kura li tingħata fl-istess żmien, fejn dewmien fl-assorbiment tal-ikel jista' jkun mistenni.

*Popolazzjoni pedjatrika*
Hu rrakkomandat li jkun hemm monitoraġġ mill-qrib tal-livelli tal-glukosju fid-demm jekk dan il-prodott mediċinali jittieħed wara li tkun bdejt l-aħħar ikla tal-ġurnata, sabiex tevita l-ipogliċemija ta' bil-lejl.

<u>Ipergliċemija u ketoaċidożi dijabetika</u>

L-użu ta' dożi mhux adegwati jew it-twaqqif tal-kura, speċjalment f'pazjenti li jeħtieġu l-insulina, jista' jwassal għal ipergliċemija u ketoaċidożi dijabetika, kundizzjonijiet li jistgħu jkunu fatali.

*Infużjoni kontinwa tal-insulina minn taħt il-ġilda (CSII)*
Ħsara fil-pompa jew fis-sett tal-infużjoni tista' twassal biex l-ipergliċemija u l-ketożi jseħħu aktar malajr. L-identifikazzjoni immedjata u l-korrezzjoni tal-kawża tal-ipergliċemija jew tal-ketożi hi meħtieġa. Jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' użu temporanju ta' terapija b'injezzjoni taħt il-ġilda.

<u>L-użu ħażin tal-PumpCart</u>

L-iskartoċċ (PumpCart) huwa għall-użu biss ma' sistema ta' pompa tal-infużjoni għall-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ. M'għandux jintuża ma' xi apparat ieħor li mhuwiex magħmul għall-iskartoċċ, għax dan jista' jwassal għal doża mhux korretta ta' insulin bil-konsegewnza li jkun hemm iper jew ipogliċemija (ara sezzjoni 6.6).

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Il-pazjenti għandhom jingħataw istruzzjonijiet biex iwettqu rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' żvilupp ta' lipodistrofija u ta' amilojdożi tal-ġilda. Hemm riskju potenzjali ta' assorbiment imdewwem tal-insulina u kontroll gliċemiku aggravat wara l-injezzjonijiet tal-insulina f'siti b'dawn ir-reazzjonijiet. Bidla f'daqqa fis-sit tal-injez

zjoni f'parti mhux affettwata ġiet irrappurtata li tirriżulta f'ipogliċemija. Huwa rakkomandat monitoraġġ tal-glukożju fid-demm wara l-bidla fis-sit tal-injezzjoni minn parti affettwata għal parti mhux affettwata, u jista' jiġi kkunsidrat l-aġġustament tad-doża tal-prodotti mediċinali antidijabetiċi.

It-trasferiment minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina

It-trasferiment ta' pazjent minn xi tip jew marka oħra tal-insulina għandu jsir taħt superviżjoni medika stretta. Tibdiliet fil-qawwa, marka (manifattur), tip, l-oriġini (annimal, insulina umana jew analogu tal-insulina umana), u/jew il-metodu tal-manifattura (rikombinanti mid-DNA kontra l-insulina li tiġi mill-annimali) jistgħu jirriżultaw fi bżonn għal tibdil fid-dożaġġ. Pazjenti li nqalbu għal Fiasp minn tip ieħor ta' insulina jista' jkollhom bżonn ta' tibdil fid-doża minn dik li kienu jużaw bil-prodotti mediċinali tas-soltu tagħhom tal-insulina.

Mard li jseħħ fl-istess żmien

Mard li jseħħ fl-istess żmien, speċjalment infezzjonijiet u kundizzjonijiet ta' deni, normalment iżid il-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina. Mard li jseħħ fl-istess żmien fil-kliewi, fil-fwied jew mard li jaffettwa l-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde jista' jirrikjedi tibdil fid-doża tal-insulina.

It-teħid flimkien ta' pioglitazone u prodotti mediċinali tal-insulina

Ġew irrapportati każijiet ta' insuffiċjenza kardijaka konġestiva meta pioglitazone intuża flimkien mal-insulina, speċjalment f'pazjenti li għandhom fatturi ta' riskju għall-iżvilupp ta' insuffiċjenza kardijaka konġestiva. Wieħed għandu jżomm dan f'moħħu jekk tiġi kkunsidrata l-kura fejn pioglitazone jingħata flimkien ma' prodotti mediċinali tal-insulina. Jekk jintużaw flimkien, il-pazjenti għandhom jiġu osservati għal sinjali u sintomi ta' insuffiċjenza kardijaka konġestiva, żieda fil-piż u edima. Pioglitazone għandu jitwaqqaf jekk jeħżienu s-sintomi kardijaċi.

Meta tibda tuża l-insulina u l-intensifikazzjoni tal-kontroll tal-glukosju

L-intensifikazzjoni jew it-titjib ta' malajr fil-kontroll tal-glukosju ġie assoċjat ma' disturb rifrazzjonali oftalmoloġiku temporanju u riversibbli, aggravament ta' retinopatija dijabetika, newropatija periferali akuta bl-uġigħ u edima periferali. Madankollu, kontroll gliċemiku fit-tul inaqqas ir-riskju ta' retinopatija dijabetika u newropatija.

Antikorpi kontra l-insulina

L-għoti tal-insulina tista' tikkawża l-formazzjoni ta' antikorpi kontra l-insulina. F'każijiet rari, minħabba l-preżenza ta' dawn l-antikorpi kontra l-insulina, jista' jkun hemm bżonn ta' aġġustament fid-doża tal-insulina sabiex tiġi kkorreġuta tendenza ta' ipergliċemija jew ipogliċemija.

Kif tevita taħlit aċċidentali/żbalji fil-medikazzjoni

Il-pazjenti għandhom jingħataw istruzzjonijiet biex dejjem jiċċekkjaw it-tikketta tal-insulina qabel kull injezzjoni biex jevitaw taħlit aċċidentali bejn dan il-prodott mediċinali u prodotti mediċinali oħrajn tal-insulina.

Il-pazjenti għandhom jivverifikaw b'mod viżwali l-unitajiet tad-doża qabel l-għoti. Għalhekk, il-kundizzjoni meħtieġa biex il-pazjent ikun jista' jinjetta lilu nnifsu hija li jkun jaf jaqra l-iskala tad-doża. Pazjenti li huma għomja jew li għandhom vista batuta, huma mitluba biex dejjem isaqsu għall-assistenza minn persuna oħra li għandha vista tajba u li hija mħarrġa fl-għoti tal-insulina.

Ivvjaġġar bejn żoni differenti ta' ħin

Qabel ma jivvjaġġa bejn żoni differenti ta' ħin, il-pazjent għandu jfittex il-parir tat-tabib.

Eċċipjenti

Dan il-prodott mediċinali fih anqas minn 1 mmol sodium (23 mg) f'kull doża, jiġifieri tista' tgħid essenzjalment 'ħieles mis-sodium'.

## 4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Numru ta' prodotti mediċinali huma magħrufa li jinteraġixxu mal-metaboliżmu tal-glukosju.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina:
Antidijabetiċi orali, inibituri ta' monoamine oxidase (MAOIs), imblokkaturi tar-riċetturi beta, inibituri tal-enzima li tibdel angiotensin (ACE), salicylates, sterojdi anaboliċi, sulphonamides u agonist tar-riċettur GLP-1.

Dawn is-sustanzi li ġejjin jistgħu jżidu l-ħtieġa tal-pazjent għall-insulina:
Kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq, thiazides, glukokortikojdi, ormoni tat-tirojde, simpatomimetiċi, l-ormon tat-tkabbir u danazol.

Sustanzi li jimblukkaw ir-riċetturi beta jistgħu jaħbu s-sintomi ta' ipogliċemija.

Octreotide/lanreotide jistgħu jew iżidu jew inaqqsu l-ħtieġa tal-insulina.

L-alkoħol jista' jżid jew inaqqas l-effett ipogliċemiku tal-insulina.

## 4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

Fiasp jista' jintuża fit-tqala.

Informazzjoni minn żewġ studji kliniċi magħmula b'mod arbitrarju u kkontrollati li saru b'insulina aspart (322 + 27 tqala esposti) ma turi ebda effett avvers ta' insulina aspart fuq it-tqala jew fuq is-saħħa tal-fetu/tarbija tat-twelid meta mqabbla mal-insulina umana li tinħall.

Kontroll intensifikat tal-glukosju fid-demm u l-monitoraġġ ta' nisa tqal bid-dijabete (dijabete ta' tip 1, dijabete ta' tip 2 jew dijabete ta' waqt it-tqala) huma rakkomandati matul it-tqala kollha u meta dawn in-nisa jkunu qegħdin jippjanaw li jinqabdu tqal. Il-ħtigijiet tal-insulina normalment jonqsu fl-ewwel trimestru u sussegwentement jiżdiedu matul it-tieni u t-tielet trimestri. Wara l-ħlas, il-ħtigijiet tal-insulina normalment jerġgħu lura malajr għal-livelli ta' qabel it-tqala.

Treddigħ

M'hemmx restrizzjonijiet għall-kura b'Fiasp waqt it-treddigħ. It-trattament bl-insulina ta' ommijiet li qed ireddgħu ma tippreżentax riskju għat-tarbija. Minkejja dan, id-doża tista' teħtieġ li tiġi aġġustata.

Fertilità

Studji dwar ir-riproduzzjoni fl-annimali ma żvelaw ebda differenza bejn insulina aspart u l-insulina umana fir-rigward tal-fertilità.

## 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Il-ħila tal-pazjent li jikkonċentra u jirreaġixxi tista' titnaqqas minħabba l-ipogliċemija. Dan jista' joħloq riskju f'sitwazzjonijiet meta dawn il-ħiliet huma ta' importanza speċjali (eż. waqt li tkun qed issuq karozza jew tħaddem xi magni).

Il-pazjenti għandhom jingħataw parir biex jieħdu prekawzjonijiet biex jevitaw l-ipogliċemija waqt is-sewqan. Dan hu partikolarment importanti f'dawk li ma jħossux jew ma jħossux biżżejjed is-sinjali ta' twissija ta' ipogliċemija, jew li għandhom episodji spissi ta' ipogliċemija. Wieħed għandu jikkunsidra jekk isuqx jew le f'dawn iċ-ċirkustanzi.

## 4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil ta' sigurtà

Waqt il-kura, l-ipogliċemija hija r-reazzjoni avversa li ġiet irrapportata b'mod l-aktar frekwenti (ara sezzjoni 'Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari' hawn taħt).

Lista ta' reazzjonijiet avversi f'forma tabulari

Ir-reazzjonijiet avversi mniżżla hawn taħt (Tabella 2) huma bbażati fuq tagħrif minn 6 provi konfermatorji terapewtiċi li tlestew u li saru fl-adulti. Il-kategoriji ta' frekwenzi ġew stabbiliti skont il-konvenzjoni li ġejja: Komuni ħafna (≥1/10); komuni (≥1/100 sa <1/10); mhux komuni (≥1/1,000 sa <1/100); rari (≥1/10,000 sa <1/1,000); rari ħafna (<1/10,000) u mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

**Tabella 2 Reazzjonijiet avversi minn provi kliniċi**

| Sistema tal-klassifika tal-organi MedDRA | Komuni ħafna | Komuni | Mhux komuni | Mhux magħruf |
|---|---|---|---|---|
| **Disturbi fis-sistema immuni** | | | Sensittività eċċessiva | Reazzjonijiet anafilattiċi |
| **Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni** | Ipogliċemija | | | |
| **Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda** | | Reazzjonijiet allerġiċi tal-ġilda | Lipodistrofija | Amilojdożi tal-ġilda† |
| **Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata** | | Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni/infużjoni | | |

† ADR minn sorsi wara li l-prodott tqiegħed fis-suq.

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi partikulari

*Reazzjonijiet allerġiċi*
Manifestazzjonijiet allerġiċi tal-ġilda rrappurtati b'Fiasp (1.8% vs 1.5% għall-komparatur) jinkludu ekżema, raxx, raxx bil-ħakk, urtikarja u dermatite.

Bi Fiasp, reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva ġeneralizzata (li jidhru bħala raxx tal-ġilda ġeneralizzat u edima tal-wiċċ) kienu rrappurtati b'mod mhux komuni (0.2% vs 0.3% għall-komparatur).

*Ipogliċemija*

L-ipogliċemija tista' sseħħ jekk id-doża tal-insulina tkun għolja wisq meta mqabbla mal-ħtieġa tal-insulina. Ipogliċemija severa tista' twassal għal telfien mis-sensi u/jew aċċessjonijiet u tista' twassal għal tnaqqis temporanju jew permanenti fil-funzjoni tal-moħħ jew saħansitra għall-mewt. Is-soltu, is-sintomi tal-ipogliċemija jseħħu f'daqqa. Dawn jistgħu jinkludu għaraq kiesaħ, ġilda pallida u kiesħa, telqa, nervi jew tregħid, ansjetà, għeja jew debbulizza mhux tas-soltu, konfużjoni, diffikultà biex tikkonċentra, ħeddil, ħafna ġuħ li ma jkunx normali, tibdil fil-vista, uġigħ ta' ras, dardir u palpitazzjoni (ara sezzjoni 4.4 u 5.1). L-ipogliċemija tista' sseħħ aktar kmieni wara injezzjoni/infużjoni ta' Fiasp meta mqabbel ma' insulini oħra li jittieħdu fil-ħin tal-ikel minħabba li jibda jaħdem aktar kmieni.

*Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda*
Lipodistrofija (li tinkludi lipoipertrofija, lipoatrofija) u amilojdożi tal-ġilda jistgħu jseħħu fis-sit tal-injezzjoni u jdewmu l-assorbiment tal-insulina lokali. Lipodistrofija ġiet irrappurtata fis-sit tal-injezzjoni/infużjoni f'pazjenti kkurati b'Fiasp (0.5% vs 0.2% fil-komparatur). Rotazzjoni kontinwa tas-sit tal-injezzjoni f'dik iż-żona fejn tingħata l-injezzjoni tista' tgħin sabiex tnaqqas jew tippreveni dawn ir-reazzjonijiet.

*Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni/infużjoni*
Reazzjonijiet fis-sit tal-injezzjoni (li jinkludu raxx, ħmura, infjammazzjoni, uġigħ u tbenġil) ġew irrappurtati f'pazjenti kkurati b'Fiasp (1.3% vs 1.0% fil-komparatur). F'pazjenti li qed jużaw CSII (N=261):Reazzjonijiet fis-sit tal-infużjoni (li jinkludu ħmura, infjammazzjoni, irritazzjoni,uġigħ, tbenġil u ħakk) ġew irrappurtati f'pazjenti kkurati b'Fiasp (10.0% vs 8.3% fil-komparatur). Dawn ir-reazzjonijiet normalment ikunu ħfief u temporanji u s-soltu jisparixxu matul it-tkomplija tal-kura.

Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u l-effikaċja ġew investigati f'prova terapewtika konfermatorja fit-tfal bid-dijabete mellitus ta' tip 1 ta' età minn sentejn sa inqas minn 18-il sena. Fil-prova, 519-il pazjent ġew ittrattati b'Fiasp. In ġenerali, il-frekwenza, it-tip u s-severità tar-reazzjonijiet avversi ma jindikawx li hemm xi differenzi minn dak li deher fil-popolazzjoni adulta. Lipodistrofija (inkluż lipoipertrofija, lipoatrofija) fis-sit tal-injezzjoni ġiet irrapportata aktar spiss f'din il-prova b'pazjenti pedjatriċi meta mqabbla ma' provi fl-adulti (ara aktar 'il fuq). Fil-popolazzjoni pedjatrika l-lipodistrofija ġiet irrapportata b'frekwenza ta' 2.1% għal Fiasp vs. 1.6% għal NovoRapid.

Popolazzjonijiet speċjali oħra

Skont riżultati minn studji kliniċi b'insulina aspart in ġenerali, m'hemmx indikazzjoni li hemm xi differenza fil-frekwenza, fit-tip u fis-severità tar-reazzjonijiet avversi osservati f'pazjenti anzjani u f'pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku minn dawk li dehru fil-popolazzjoni ġenerali. Il-profil ta' sigurtà f'pazjenti anzjani ħafna (≥75 sena) jew f'pazjenti b'indeboliment renali jew epatiku moderat sa sever, hu limitat. Fiasp ingħata lil pazjenti anzjani għall-investigazzjoni ta' proprjetajiet farmakokinetiċi (ara sezzjoni 5.2).

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rrappurtati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V.

## 4.9 Doża eċċessiva

Doża eċċessiva speċifika għall-insulina ma tistax tiġi definita; madankollu, l-ipogliċemija tista' tiżviluppa fuq firxa ta' stadji sekwenzjali jekk pazjent jingħata doża b'iktar insulina minn dik meħtieġa:

- Episodji ipoglikemiċi ħfief jistgħu jiġu kkurati bl-għoti mill-ħalq ta' glukosju jew prodotti oħrajn li fihom iz-zokkor. Għalhekk huwa rakkomandat li l-pazjent dijabetiku dejjem iżomm fuqu prodotti li jkun fihom il-glukosju.

- Episodji ipoglikemiċi severi, meta l-pazjent ma jkunx jista' jikkura lilu nnifsu, jistgħu jiġu kkurati bi glucagon (0.5 sa 1 mg) mogħti ġol-muskoli jew taħt il-ġilda minn persuna mħarrġa, jew bil-glukosju li jingħata ġol-vini minn professjonist fil-kura tas-saħħa. Il-glukosju għandu jingħata ġol-vina jekk il-pazjent ma jirrispondix għal glucagon fi żmien 10 sa 15-il minuta. Meta jerġa' jiġi f'sensih, l-għoti ta' karboidrati mill-ħalq huwa rakkomandat għall-pazjent sabiex tkun evitata rikaduta.

# 5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

## 5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Mediċini użati fid-dijabete, insulini u analogi għall-injezzjoni li jaġixxu malajr Kodiċi ATC: A10AB05.

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Fiasp hu formulazzjoni ta' insulina aspart li taġixxi malajr.
L-attività primarja ta' Fiasp hija r-regolazzjoni tal-metaboliżmu tal-glukosju . L-insulini, inkluż insulina aspart, is-sustanza attiva fi Fiasp, jeżerċitaw l-azzjoni speċifika tagħhom billi jintrabtu mar-riċetturi tal-insulina. L-insulina marbuta mar-riċetturi tbaxxi l-glukosju fid-demm billi tiffaċilita l-assorbiment ċellulari tal-glukosju ġol-muskoli skeletali u fit-tessut xaħmi u billi tinibixxi l-produzzjoni tal-glukosju mill-fwied. L-insulina tinibixxi l-lipolisi fit-tessut xaħmi, tinibixxi l-proteoliżi u ttejjeb is-sintesi tal-proteina.

Effetti farmakodinamiċi

Fiasp hu formulazzjoni ta' insulina aspart li tittieħed fil-ħin tal-ikel, fejn iż-żieda ta' nicotinamide (vitamina $B_3$) tirriżulta f'assorbiment inizjali aktar mgħaġġel tal-insulina meta mqabbel ma' NovoRapid.

Il-bidu tal-azzjoni kien 5 minuti aktar kmieni, u l-ħin sar-rata massima tal-infużjoni tal-glukosju kien ta' 11-il minuta aktar kmieni b'Fiasp milli b'NovoRapid. L-effett massimu tat-tnaqqis fil-livell tal-glukosju ta' Fiasp seħħ bejn 1 u 3 sigħat wara l-injezzjoni. L-effett tat-tnaqqis fil-livell tal-glukosju matul l-ewwel 30 minuta ($AUC_{GIR,\ 0–30\ min}$ ) kien ta' 51 mg/kg bi Fiasp u 29 mg b'NovoRapid (proporzjoni Fiasp/NovoRapid : 1.74 $[1.47;2.10]_{95\%\ CI}$). L-effett totali tat-tnaqqis fil-livell tal-glukosju u l-effett massimu tat-tnaqqis fil-livell tal-glukosju ($GIR_{max}$) kienu komparabbli bejn Fiasp u NovoRapid. L-effett totali u massimu tat-tnaqqis fil-livell tal-glukosju ta' Fiasp jiżdied b'mod lineari hekk kif tiżdied id-doża fil-limiti tad-doża terapewtika.

Fiasp jibda jaħdem aktar malajr meta mqabbel ma' NovoRapid (ara sezzjoni 5.2), li sussegwentement iwassal għal żieda kmieni fl-effett ta' tnaqqis fil-glukosju. Din għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni meta wieħed jikteb riċetta għal Fiasp.

It-tul ta' azzjoni kien iqsar għal Fiasp meta mqabbel ma' dak ta' NovoRapid, u jdum 3-5 sigħat.

Il-varjabilità minn jum għal jum bejn il-pazjenti nfushom fl-effett tat-tnaqqis tal-livell tal-glukosju kienet baxxa għal Fiasp, kemm għall-effett tat-tnaqqis tal-livell tal-glukosju bikri ($AUC_{GIR,\ 0-1h}$, CV~26%), totali ($AUC_{GIR,\ 0-12h}$, CV~18%) kif ukoll massimu ($GIR_{max}$, CV~19%).

Effikaċja klinika u sigurtà

Fiasp ġie studjat f'2,068 pazjent adult bid-dijabete mellitus ta' tip 1 (1,143 pazjent) u d-dijabete mellitus ta' tip 2 (925 pazjent) fi 3 provi li saru b'mod arbitrarju dwar l-effikaċja u s-sigurtà (18-26 ġimgħa ta' kura). Barra minn hekk, Fiasp ġie studjat 777 suġġett pedjatriku bid-dijabete ta' tip 1 f'prova magħmula b'mod arbitrarju dwar l-effikaċja u s-sigurtà (26 ġimgħa ta' kura). Ebda tifel jew tifla taħt is-sentejn ma ġie magħżul b'mod arbitrarju biex jieħu parti f'din il-prova.

*Pazjenti b'dijabete mellitus ta' tip 1*
L-effett tal-kura ta' Fiasp biex jinkiseb il-kontroll gliċemiku ġie evalwat meta ngħata fil-ħin tal-ikel jew wara l-ikel. Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel ma kienx inferjuri għal NovoRapid biex inaqqas $HBA_{1c}$, u t-titjib f'$HBA_{1c}$ kien statistikament sinifikanti favur Fiasp. Fiasp mogħti wara l-ikel kiseb tnaqqis simili ta' $HBA_{1c}$ bħal NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (Tabella 3).

**Tabella 3 Riżultati minn studju kliniku bażilari-bolus li dam 26 ġimgħa f'pazjenti b'dijabete ta' tip 1**

| | **Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel + insulin detemir** | **Fiasp mogħti wara l-ikel + insulin detemir** | **NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel + insulin detemir** |
|---|---|---|---|
| **N** | 381 | 382 | 380 |
| **$HbA_{1c}$ (%)** | | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 7.6 → 7.3 | 7.6 → 7.5 | 7.6 → 7.4 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -0.32 | -0.13 | -0.17 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.15 [-0.23;-0.07]*[CE] | *0.04 [-0.04;0.12]*[D] | |
| **$HbA_{1c}$ (mmol/mol)** | | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 59.7 → 56.4 | 59.9 → 58.6 | 59.3 → 57.6 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -3.46 | -1.37 | -1.84 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-1.62 [-2.50;-0.73]*[CE] | *0.47 [-0.41;1.36]*[D] | |
| **Żieda tal-glukosju sagħtejn wara l-ikel (mmol/L)**[A] | | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 6.1 → 5.9 | 6.1 → 6.7 | 6.2 → 6.6 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -0.29 | 0.67 | 0.38 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.67 [-1.29;-0.04]*[CE] | *0.30 [-0.34;0.93]*[D] | |
| **Żieda tal-glukosju siegħa wara l-ikel (mmol/L)**[A] | | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 5.4 → 4.7 | 5.4 → 6.6 | 5.7 → 5.9 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -0.84 | 1.27 | 0.34 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-1.18 [-1.65;-0.71]*[CE] | *0.93 [0.46;1.40]*[D] | |
| **Piż tal-ġisem (kg)** | | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 78.6 → 79.2 | 80.5 → 81.2 | 80.2 → 80.7 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | 0.67 | 0.70 | 0.55 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *0.12 [-0.30;0.55]*[C] | *0.16 [-0.27;0.58]*[D] | |
| **Rata osservata ta' ipogliċemija**[B] **kkonfermata severa jew BG għal kull sena ta' espożizzjoni tal-pazjenti (perċentwali ta' pazjenti)** | 59.0 (92.7) | 54.4 (95.0) | 58.7 (97.4) |
| *Proporzjon ta' rata stmata* | *1.01 [0.88;1.15]*[C] | *0.92 [0.81;1.06]*[D] | |

Linja bażi, il-valuri fit-tmiem tal-istudju huma bbażati fuq il-medja tal-valuri disponibbli li kienu osservati l-aħħar. L-intervall ta' kunfidenza ta' 95% hu ddikjarat f''[]'
[A] Test tal-ikla
[B] Ipogliċemija severa (episodju li jeħtieġ għajnuna ta' persuna oħra) jew ipogliċemija kkonfermata mill-glukosju fid-demm (BG) definita bħala episodji kkonfermati minn glukosju fil-plażma ta' <3.1 mmol/L, irrispettivament mis-sintomi
[C] Id-differenza hi għal Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel – NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel
[D] Id-differenza hi għal Fiasp mogħti wara l-ħin tal-ikel – NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel

E Statistikament sinifikanti favur Fiasp fil-ħin tal-ikel

33.3% tal-pazjenti kkurati b'Fiasp fil-ħin tal-ikel laħqu mira ta' $HBA_{1c}$ ta' <7% meta mqabbla ma' 23.3% tal-pazjenti kkurati b'Fiasp wara l-ikel, u 28.2% tal-pazjenti kkurati b'NovoRapid fil-ħin tal-ikel. Il-probabbilitajiet stmati tal-kisba ta' $HBA_{1c}$ ta' <7% kienu akbar b'mod statistikament sinifikanti b'Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel milli b'NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (proprzjoni ta' probabbiltà: 1.47 $[1.02; 2.13]_{95\% CI}$). Ma ntweriet l-ebda differenza statistikament sinifikanti bejn Fiasp mogħti wara l-ikel u NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel.

Iż-żieda fil-glukosju wara siegħa u sagħtejn minn ikla kienet sinifikament inqas bi Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel meta mqabbel ma' NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel. Iż-żieda fil-glukosju wara siegħa minn ikla kienet ogħla bi Fiasp mogħti wara l-ikel u ż-żieda tal-glukosju wara sagħtejn minn ikla kienet simili għal NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (Tabella 3).

Il-medjan tad-doża totali tal-insulina mogħtija bħala bolus fit-tmien tal-istudju kien simili għal Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel, Fiasp mogħti wara l-ikel u NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (bidla mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju: Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel: 0.33→0.39 unità/kg/jum; Fiasp mogħti wara l-ikel: 0.35→0.39 unità/kg/jum; u NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel: 0.36→0.38 unità/kg/jum). Bidliet fil-medjan tad-doża totali ta' insulina bażilari mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju kienu komparabbli għal Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel (0.41→0.39 unità/kg/jum), Fiasp mogħti wara l-ikel (0.43→0.42 unità/kg/jum) u NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (0.43→0.43 unità/kg/jum).

*Pazjenti b'dijabete mellitus ta' tip 2*

It-tnaqqis fl-$HBA_{1c}$ mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju kien ikkonfermat li mhuwiex inferjuri għal dak miksub b'NovoRapid (Tabella 4).

**Tabella 4 Riżultati minn studju kliniku bażilari-bolus li dam 26 ġimgħa f'pazjenti b'dijabete ta' tip 2**

| | **Fiasp + insulin glargine** | **NovoRapid + insulin glargine** |
|---|---|---|
| **N** | 345 | 344 |
| **$HbA_{1c}$ (%)** | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 8.0 → 6.6 | 7.9 → 6.6 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -1.38 | -1.36 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.02 [-0.15;0.10]* | |
| **$HbA_{1c}$ (mmol/mol)** | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 63.5 → 49.0 | 62.7 → 48.6 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -15.10 | -14.86 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.24 [-1.60;1.11]* | |
| **Żieda tal-glukosju sagħtejn wara l-ikel (mmol/L)**[A] | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 7.6 → 4.6 | 7.3 → 4.9 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -3.24 | -2.87 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.36 [-0.81;0.08]* | |
| **Żieda tal-glukosju siegħa wara l-ikel (mmol/L)**[A] | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 6.0 → 4.1 | 5.9 → 4.6 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | -2.14 | -1.55 |
| *Differenza stmata fil-kura* | *-0.59 [-1.09;-0.09]*[C] | |
| **Piż tal-ġisem (kg)** | | |
| Linja bażi→ Tmiem tal-istudju | 89.0 → 91.6 | 88.3 → 90.8 |
| Bidla aġġustata mil-linja bażi | 2.68 | 2.67 |

| | | |
|---|---|---|
| *Differenza stmata fil-kura* | *0.00 [-0.60;0.61]* | |
| **Rata osservata ta' ipoglićemija[B] kkonfermata severa jew BG għal kull sena ta' espożizzjoni tal-pazjenti (perċentwali ta' pazjenti)** | 17.9 (76.8) | 16.6 (73.3) |
| *Proporzjon ta' rata stmata* | *1.09 [0.88;1.36]* | |

Linja bażi, il-valuri fit-tmiem tal-istudju huma bbażati fuq il-medja tal-valuri disponibbli li kienu osservati l-aħħar. L-intervall ta' kunfidenza ta' 95% hu ddikjarat f''[]'

[A] Test tal-ikla

[B] Ipoglićemija severa (episodju li jeħtieġ għajnuna ta' persuna oħra) jew ipoglićemija ikkonfermata ta' glukosju fid-demm (BG) definita bħala episodji kkonfermati minn glukosju fil-plażma ta' <3.1 mmol/L, irrispettivament mis-sintomi

[C] Statistikament sinifikanti favur Fiasp

Id-dożaġġ wara l-ikel ma ġiex investigat f'pazjenti b'dijabete mellitus ta' tip 2.

74.8% tal-pazjenti kkurati b'Fiasp laħqu mira ta' $HBA_{1c}$ ta' <7% meta mqabbla ma' 75.9% tal-pazjenti kkurati b'NovoRapid. Ma kien hemm l-ebda differenza statistikament sinifikanti bejn Fiasp u NovoRapid fil-probabbilitajiet stmati li jinkiseb $HBA_{1c}$ <7%.

Il-medjan tad-doża totali tal-insulina mogħtija bħala bolus fit-tmien tal-istudju kien simili għal Fiasp u NovoRapid (bidla mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju: Fiasp: 0.21→0.49 unità/kg/jum; u NovoRapid: 0.21→0.51 unità/kg/jum). Bidliet fil-medjan tad-doża totali ta' insulina bażilari mil-linja bażi sat-tmiem tal-istudju kienu komparabbli għal Fiasp (0.56→0.53 unità/kg/jum) u NovoRapid (0.52→0.48 unità/kg/jum).

*Anzjani*

Fit-tliet provi kliniċi kkontrollati, 192 minn 1,219 (16%) ta' pazjenti b'dijabete mellitus ta' tip 1 jew b'dijabete mellitus ta' tip 2, ikkurati b'Fiasp, kellhom ≥65 sena, u 24 minn 1,219 (2%) kellhom ≥75 sena. B'mod globali, ma ġew osservati l-ebda differenzi fis-sigurtà u l-effikaċja bejn pazjenti anzjani u pazjenti li kienu iżgħar.

*Infużjoni kontinwa tal-insulina minn taħt il-ġilda (CSII)*

Studju kkontrollat b'mod attiv, double-blind, b'grupp parallel, li dam 6 ġimgħat, li fih il-parteċipanti ntgħażlu b'mod każwali (2:1) evalwa l-kompatibilità ta' Fiasp u NovoRapid mogħtija permezz tas-sistema CSII f'pazjenti adulti b'dijabete ta' tip 1. Ma kien hemm l-ebda episodji kkonfermati mikroskopikament ta' okklużjonijiet tas-sett tal-infużjoni la fil-grupp ta' Fiasp (N=25) u lanqas f'dak ta' NovoRapid (N=12). Kien hemm żewġ pazjenti mill-grupp ta' Fiasp li rrapportaw żewġ reazzjonijiet fis-sit tal-infużjoni li żviluppaw mill-kura.

Fi studju cross-over li dam ġimagħtejn, Fiasp wera effett akbar tat-tnaqqis tal-livell tal-glukosju wara l-ikel wara test tal-ikla standardizzat fir-rigward ta' rispons tal-glukosju wara siegħa u sagħtejn minn ikla (differenza fil-kura: -0.50 mmol/L $[-1.07;\ 0.07]_{95\%\ CI}$ u -0.99 mmol/L $[-1.95;\ -0.03]_{95\%\ CI}$), rispettivament meta mqabbla ma' NovoRapid fi sfond ta' CSII.

*Popolazzjoni pedjatrika*

L-effikaċja u s-sigurtà ta' Fiasp ġew studjati f'prova klinika kkontrollata b'mod attiva u magħmula b'mod arbitrarju 1:1:1fit-tfal u fl-adolexxenti bid-dijabete mellitus ta' tip 1, ta' età minn sena sa 18-il sena, għal perjodu ta' 26 ġimgħa (N=777). F'din il-prova, ġew mqabbla, l-effikaċja u s-sigurtà ta' Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel (0-2 minuti qabel l-ikel) jew wara l-ikel (20 minuta wara li tkun bdiet l-ikla) u NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel, it-tnejn li huma użati flimkien ma' insulin degludec. Il-pazjenti fil-fergħa ta' Fiasp meħud fil-ħin tal-ikel kienu jinkludu 16-it-tifel u tifla ta' età minn sentejn sa 5 snin, 100 tifel u tifla ta' età minn 6 sa 11-il sena u 144 adolexxent ta' età minn 12 sa 17-il sena. Il-pazjenti fil-fergħa ta' Fiasp meħud wara l-ikel kienu jinkludu 16-it-tifel u tifla ta' età minn

sentejn sa 5 snin, 100 tifel u tifla ta' età minn 6 sa 11-il sena u 143 adolexxent ta' età minn 12 sa 17-il sena.
Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel wera superjorità fil-kontroll gliċemiku meta mqabbel ma' NovaRapid mogħti fil-ħin tal-ikel fir-rigward ta' tibdil fl-$HbA_{1c}$ (ETD: -0.17% [-0.30; -0.03]$_{95\% CI}$). Fiasp mogħti wara l-ikel wera non-inferjorità fil-kontroll gliċemiku meta mqabbel ma' NovoRapid mogħti fil-ħin tal-ikel (ETD: 0.13% [-0.01; 0.26]$_{95\% CI}$).
Fiasp mogħti fil-ħin tal-ikel wera titjib statistikament sinifikanti fiż-żieda medja ta' glukożju siegħa wara l-ikel fit-tliet ikliet prinċipali kollha meta mqabbel ma' NovoRapid (imkejjel permezz ta' SMPG). Għal Fiasp mogħti wara l-ikel dan il-paragun iffavorixxa NovaRapid mogħti fil-ħin tal-ikel.
Ma ġiet osservata ebda żieda b'mod ġenerali fir-riskju ta' ipogliċemija severa jew ikkonfermata skont il-livell tal-glukożju fid-demm meta mqabbel ma' NovoRapid.
L-effetti osservati u l-profili ta' sigurtà kienu simili bejn il-gruppi kollha ta' età.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Waqt l-użu: Tagħmlux fil-friġġ. Aħżen f'temperatura taħt 37°C.
Tagħmlux fil-friża.
Żomm l-iskartoċċ 'il bogħod mid-dawl

## 10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

## 11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Novo Nordisk A/S
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd
Id-Danimarka

## 12. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/16/1160/013 25 (5 pakketti ta' 5) skartoċċ

## 13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

## 14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

## 15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Fiasp

## 17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

## 18. IDENTIFIKATUR UNIKU - *DATA* LI TINQARA MILL-BNIEDEM

## B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Fiasp 100 unità/mL FlexTouch soluzzjoni għall-injezzjoni f'pinna mimlija għal-lest**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

– Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
– Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
– Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
– Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**

1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp
3. Kif għandek tuża Fiasp
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Fiasp
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża

Fiasp hu insulina li tittieħed fil-ħin tal-ikel u li jaħdem malajr biex ibaxxi z-zokkor fid-demm. Fiasp hu soluzzjoni għall-injezzjoni li fih insulina aspart u li jintuża għall-kura tad-dijabete mellitus fl-adulti, fl-adolexxenti u fit-tfal minn sena 'l fuq. Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm. Kura b'Fiasp tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.
Fiasp għandu jiġi injettat sa 2 minuti qabel il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jiġi injettat sa 20 minuta wara li tibda l-ikla.
Din il-mediċina jkollha l-effett massimu tagħha bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni, u l-effett idum għal 3 sa 5 sigħat.
Din il-mediċina għandha normalment tintuża flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn tal-insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp

**Tużax Fiasp**
• jekk inti allerġiku għall-insulina aspart jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6).

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek qabel tuża Fiasp. Fuq kollox oqgħod attent għal dawn li ġejjin:
• Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell baxx ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'. Fiasp jibda jbaxxi z-zokkor fid-demm aktar malajr meta mqabbel ma' insulini oħrajn li jittieħdu fil-ħin tal-ikel. Jekk isseħħ l-ipogliċemija, inti jista' jkollok din il-kundizzjoni aktar malajr wara injezzjoni b'Fiasp.
• Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija) –Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun għoli wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'.

- Meta tbiddel minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina – It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jagħtik xi parir dwar id-doża tal-insulina tiegħek.
- Jekk it-trattament tiegħek bl-insulina qed jiġi mogħti flimkien ma' pioglitazone (mediċina orali kontra d-dijabete użata fit-trattament tad-dijabete mellitus tip 2) – . Għid lit-tabib tiegħek mill-aktar fis jekk ikollok xi sinjali ta' insuffiċjenza tal-qalb bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata minħabba żamma ta' fluwidi (edima).
- Disturbi fl-għajnejn – Id-disturb fl-għajnejn minħabba d-dijabete bħal retinopatija dijabetika jista' b'mod temporanju jmur għall-agħar jekk it-titjib fil-kontroll taz-zokkor fid-demm isir b'rata mgħaġġla.
- Uġigħ minħabba ħsara fin-nervituri – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb b'rata mgħaġġla ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri, li.normalment ikun temporanju.
- Nefħa madwar il-ġogi tiegħek – Meta tibda tuża l-mediċina tiegħek għall-ewwel darba, ġismek jista' jżomm aktar ilma milli suppost. Dan jikkawża nefħa madwar l-għekiesi tiegħek u ġogi oħrajn. Dan normalment ma jdumx għal tul ta' żmien.
- Aċċerta ruħek li qed/a tuża t-tip it-tajjeb t'insulina – dejjem iċċekkja t-tiketta tal-insulina qabel kull injezzjoni sabiex tevita t-taħlit b'mod aċċidentali bejn prodotti tal-insulina.
- It-trattament bl-insulina jista' jikkawża l-ġisem jipproduċi antikorpi għall-insulina (sustanza li taħdem kontra l-insulina). Madankollu, f'każijiet rari ħafna, din se tikkawża xi tibdil fid-doża tiegħek tal-insulina.

Jekk għandek vista batuta, jekk jogħġbok ara sezzjoni 3 'Kif għandek tuża Fiasp'.

Xi kundizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw kemm għandek bżonn insulina. Kellem lit-tabib tiegħek:
- jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek, għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kellem lit-tabib tiegħek.
- Jekk se ssiefer, l-ivvjaġġar bejn żoni differenti ta' ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tiegħek tal-insulina u l-ħin meta tieħu l-injezzjonijiet.

Huwa rrakkomandat ħafna li meta jkun qed jintuża Fiasp, jitniżżel l-isem u n-numru tal-lott ta' kull pakkett sabiex wieħed ikun jaf liema lott ikun intuża.

<u>Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni</u>
Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3 'Kif għandek tuża Fiasp'). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**
Din il-mediċina mhix irrakkomandata għall-użu fit-tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u Fiasp**
Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra. Xi mediċini jaffettwaw il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek – dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek trid tinbidel.

Hawn taħt hawn elenkati l-iktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>
- mediċini oħra għall-kura tad-dijabete (orali jew li jistgħu jiġu injettati)
- antibijotiċi ta' sulphonamide (użati għat-trattament ta' infezzjonijiet)

- sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- imblokkaturi tar-riċetturi beta (użati fil-trattament tal-pressjoni għolja fid-demm jew l-anġina)
- salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jnaqqsu d-deni)
- inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati għat-trattament tad-dipressjoni)
- inibituri tal-enzima li tikkonverti angiotensin (ACE) (għal xi problemi tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm).

Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:
- danazol (mediċina li taħdem fl-ovulazzjoni)
- kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw biex ma tinqabadx tqila)
- ormoni tat-tirojde (għal problemi fil-glandola tat-tirojde)
- ormon tat-tkabbir (għal defiċjenza ta' ormon tat-tkabbir)
- glukokortikojdi (bħal 'cortisone' għall-infjammazzjoni)
- simpatomimetiċi (bħal epinephrine (adrenaline), salbutamol jew terbutaline għall-ażżma)
- thiazides (għall-pressjoni għolja fid-demm jew jekk il-ġisem tiegħek ikun qed iżomm ilma żżejjed (żamma ta' ilma)).

Octreotide u lanreotide – użati għat-trattament ta' kundizzjoni rari fejn ikun hemm ammont eċċessiv ta' ormon ta' tkabbir (akromegalija). Dawn jistgħu kemm iżidulek kif ukoll inaqqsulek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Jekk xi waħda minn dawn t'hawn fuq tapplika għalik (jew jekk m'intix ċert), kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**Fiasp mal-alkoħol**
Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel hekk kif il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Għalhekk għandek timmonitorja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek aktar ta' spiss mis-soltu.

**Tqala u treddigħ**
Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Din il-mediċina tista' tintuża waqt it-tqala; madankollu jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża tal-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Ħafna drabi l-ammont t'insulina li għandek bżonn waqt l-ewwel tliet xhur ta' tqala jonqos u jiżdied għall-kumplament tas-sitt xhur. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek hu meħtieġ waqt it-tqala. Il-prevenzjoni ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) hu partikularment importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek. Wara li jkollok it-tarbija, il-probabbiltà hi li l-ħtiġijiet tiegħek tal-insulina jerġgħu jirritornaw għal kemm kellek bżonn qabel it-tqala.

M'hemm ebda restrizzjonijiet għat-trattament b'Fiasp waqt it-treddigħ.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
Jekk il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx dan jista' jaffettwa l-ħila li ssuq jew tuża kwalunkwe għodod jew magni. Jekk il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati. Dan jista' jkun perikoluż għalik u għal ħaddieħor. Staqsi lit-tabib tiegħek jekk tistax issuq jekk:
- ta' spiss ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm
- issibha diffiċli biex tinduna li għandek livell baxx ta' zokkor fid-demm.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti fi Fiasp**
Din il-mediċina fiha anqas minn mmol 1 ta' sodium (23 mg) f'kull doża, jiġifieri tista' tgħid essenzjalment 'ħielsa mis-sodium'.

## 3. Kif għandek tuża Fiasp

Dejjem għandek tuża din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Jekk inti persuna għamja jew għandek vista batuta u ma tistax taqra l-kontatur tad-doża fuq il-pinna, tużax din il-pinna mingħajr għajnuna. Fittex għajnuna mingħand persuna li għandha vista tajba u li hija mħarrġa fl-użu tal-pinna mimlija għal-lest FlexTouch.

Il-pinna mimlija għal-lest tipprovdi doża ta' 1-80 unità f'injezzjoni waħda f'żidiet ta' 1 unità.

**Meta għandek tuża Fiasp**
Fiasp hu insulina li tittieħed fil-ħin tal-ikel.

Adulti: Fiasp għandu jiġi injettat eżatt qabel (0-2 minuti) il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jiġi injettat sa 20 minuta wara li tibda l-ikla.
Tfal: Fiasp għandu jiġi injettat eżatt qabel (0-2 minuti) il-bidu tal-ikla, bil-possibbiltà li jiġi injettat sa 20 minuta wara li tinbeda l-ikla f'sitwazzjonijiet fejn m'hemmx ċertezza dwar meta t-tifel/tifla se jiekol. F'dawn is-sitwazzjonijiet saqsi lit-tabib tiegħek għall-parir.

Din il-mediċina jkollha l-effett massimu tagħha bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni, u l-effett idum għal 3 sa 5 sigħat.

**Id-doża ta' Fiasp**
Doża għad-dijabete ta' tip 1 u ta' tip 2
It-tabib tiegħek se jiddeċiedi miegħek:
- l-ammont ta' Fiasp li se jkollok bżonn ma' kull ikla
- meta tiċċekkja l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek u jekk ikollokx bżonn ta' doża ogħla jew iktar baxxa.

Jekk tkun tixtieq tibdel id-dieta tas-soltu tiegħek, l-ewwel iċċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek, għax bidla fid-dieta tas-soltu tiegħek tista' tibdel il-bżonn tiegħek għall-insulina.

Meta tuża mediċini oħrajn, staqsi lit-tabib tiegħek jekk il-kura tiegħek għandhiex bżonn tiġi aġġustata.

Aġġustament fid-doża għad-dijabete ta' tip 2
Id-doża ta' kuljum għandha tkun ibbażata fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek fil-ħin tal-ikel u fil-ħin tal-irqad tal-ġurnata preċedenti.
- Qabel il-kolazzjon – id-doża għandha tiġi aġġustata skont il-livell taz-zokkor fid-demm qabel l-ikla ta' nofsinhar tal-ġurnata preċedenti
- Qabel l-ikla ta' nofsinhar – id-doża għandha tiġi aġġustata skont il-livell taz- zokkor fid-demm qabel iċ-ċena ta' filgħaxija tal-ġurnata preċedenti
- Qabel iċ-ċena ta' filgħaxija – id-doża għandha tiġi aġġustata skont il-livell taz- zokkor fid-demm fil-ħin tal-irqad tal-ġurnata preċedenti

| **Tabella 1 Aġġustament fid-doża** | | |
|---|---|---|
| **Zokkor fid-demm fil-ħin tal-ikel jew fil-ħin tal-irqad** | | **Aġġustament fid-doża** |
| mmol/L | mg/dL | |
| inqas minn 4 | inqas minn 71 | Naqqas id-doża b'unità 1 |
| 4-6 | 71-108 | L-ebda aġġustament fid-doża |
| iktar minn 6 | iktar minn 108 | Żid id-doża b'unità 1 |

Użu f'pazjenti anzjani (65 sena jew aktar)
Din il-mediċina tista' tintuża f'pazjenti anzjani. Kellem lit-tabib tiegħek dwar tibdil fid-doża tiegħek.

Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied
Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jista' jkollok bżonn tiċċekkja l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek b'mod aktar regolari. Kellem lit-tabib tiegħek dwar tibdil fid-doża tiegħek.

**Kif tinjetta Fiasp**
Din il-mediċina hija tajba biss għall-injezzjoni taħt il-ġilda (injezzjoni subkutanja).
Qabel ma tuża Fiasp għall-ewwel darba, it-tabib jew l-infermier tiegħek se jurik kif tuża l-pinna mimlija għal-lest. Kellem lit-tabib tiegħek jekk għandek bżonn tinjetta l-insulina tiegħek b'mod ieħor.

**Fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**
- L-aħjar postijiet fejn tinjetta huma n-naħa ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq) jew in-naħa ta' fuq ta' dirgħajk.
- Tinjettax ġo vina jew ġo muskolu.
- Ibdel il-post fiż-żona fejn tinjetta kuljum biex tnaqqas ir-riskju li tiżviluppa bidliet taħt il-ġilda (ara sezzjoni 4).

**Tużax Fiasp**
- jekk il-pinna tkun bil-ħsara jew ma tkunx inħażnet kif suppost (ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Fiasp').
- jekk l-insulina ma tidhirx ċara (eż. tidher imċajpra) u bla kulur.

Istruzzjonijiet dettaljati dwar kif għandek tuża il-pinna FlexTouch tiegħek jinsabu fuq in-naħa l-oħra ta' dan il-fuljett.

**Jekk tuża Fiasp aktar milli suppost**
Jekk tuża żżejjed insulina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitbaxxa żżejjed (ipogliċemija); ara l-parir f'sezzjoni 4 taħt 'Livell baxx ta' zokkor fid-demm'.

**Jekk tinsa tuża Fiasp**
Jekk tinsa tuża l-insulina tiegħek, iz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara sezzjoni 4 taħt 'Livell għoli ta' zokkor fid-demm'.

**Tliet passi sempliċi li jistgħu jgħinu sabiex jiġi evitat livell baxx jew għoli ta' zokkor fid-demm huma:**
- Dejjem żomm pinna żejda fil-każ li titlef il-pinna tiegħek jew jiġrilha l-ħsara.
- Dejjem żomm xi ħaġa fuqek li turi li għandek id-dijabete.
- Dejjem żomm fuqek prodotti li jkun fihom iz-zokkor. Ara sezzjoni 4 taħt 'X'għandek tagħmel jekk ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm'.

**Jekk tieqaf tuża Fiasp**
Tiqafx tuża l-insulina tiegħek mingħajr ma l-ewwel titkellem mat-tabib tiegħek. Jekk tieqaf tuża l-insulina tiegħek, dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi (kundizzjoni fejn ikun hemm wisq aċtu fid-demm, li hu potenzjalment ta' periklu għall-ħajja). Ara s-sintomi u l-pariri f'sezzjoni 4 taħt 'Livell għoli ta' zokkor fid-demm'.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa komuni ħafna b'kura bl-insulina (jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10). Jista' jkun serju ħafna. Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm jinżel wisq, inti tista' tintilef minn sensik. Ipogliċemija serja tista' tikkawża ħsara fil-moħħ u tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Jekk għandek sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu passi **minnufih** biex iżżid il-livell taz-zokkor fid-demm. Ara l-parir taħt 'Livell baxx ta' zokkor fid-demm' aktar 'l isfel.

**Jekk ikollok reazzjoni allerġika serja** (inkluż xokk anafilattiku) għall-insulina jew għal xi wieħed mis-sustanzi fi Fiasp (kemm dan iseħħ ta' spiss mhuwiex magħruf), ieqaf uża din il-mediċina u għamel kuntatt minnufih mas-servizz tal-emerġenza medika.

Is-sinjali ta' reazzjoni allerġika serja jistgħu jinkludu:
- reazzjonijiet lokali (eż., raxx, ħmura u ħakk) li jinfirxu għal partijiet oħra ta' ġismek
- f'daqqa waħda ma tħossokx tajjeb u tibda tegħreq
- tibda tiddardar (rimettar)
- ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs
- ikollok taħbit tal-qalb mgħaġġel jew tħossok stordut.

**Reazzjonijiet allerġiċi** bħal raxx tal-ġilda ġeneralizzat u nefħa fil-wiċċ jistgħu jseħħu. Dawn mhumiex komuni u jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100. Fittex tabib jekk is-sintomi jmorru għall-agħar jew ma tarax titjib wara xi ftit ġimgħat.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (dawn mhumiex komuni u jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; il-frekwenza ta' kemm din is-seħħ mhijiex magħrufa ). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**Effetti sekondarji oħra jinkludu:**

**Komuni** *(*jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10*)*
<u>Reazzjoni fis-sit mnejn jingħata:</u> Reazzjonijiet lokali jistgħu jseħħu fil-post fejn tinjetta lilek innifsek. Is-sinjali jistgħu jinkludu: raxx, ħmura, infjammazzjoni, tbenġil, irritazzjoni, uġigħ u ħakk. Normalment dawn ir-reazzjonijiet imorru wara ftit jiem.
<u>Reazzjonijiet tal-ġilda:</u> Sinjali ta' allerġija fuq il-ġilda bħal ekżema, raxx, ħakk, urtikarja u dermatite jistgħu jseħħu.

**Effetti ġenerali mit-trattament bl-insulina inkluż Fiasp**

- ***Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)*** (komuni ħafna)

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tixrob l-alkoħol; tinjetta żżejjed insulina; tagħmel aktar eżerċizzju mis-soltu; tiekol ftit wisq jew taqbeż xi ikla.

**Sinjali ta' twissija ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm – dawn jistgħu jiġu f'daqqa:**
Uġigħ ta' ras, diskors ma jiftiehemx, taħbit tal-qalb mgħaġġel, għaraq kiesaħ, ġilda kiesħa u pallida, tħossok imdardar, tħossok bil-ġuħ ħafna, rogħda jew tħossok nervuż jew inkwetat, tħoss għeja, dgħufija jew ikollok ngħas mhux tas-soltu,tħossok konfuż, diffikultà biex tikkonċentra tibdil temporanju fil-vista.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm**
- Jekk inti konxju, ikkura minnufih il-livell baxx ta' zokkor fid-demm permezz ta' 15-20 g ta' karboidrat li jaġixxi b'mod mgħaġġel; kul pilloli tal-glukosju jew ikla oħra ħafifa b'ħafna zokkor, bħal meraq tal-frott, ħelu jew biskuttini (dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju jew ikla ħafifa b'ħafna zokkor, għal li jista' jkun).
- Huwa rrakkomandat li terġa' tiċċekkja l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek wara 15-20 minuta u terġa' tieħu l-kura jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek għadhom inqas minn 4 mmol/L.
- Stenna sakemm is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal. Imbagħad kompli ħu l-kura bl-insulina tiegħek bħas-soltu.

**X'għandhom ikunu jafu persuni oħrajn jekk iħossok ħażin**

Għid lill-persuni kollha li tqatta' ż-żmien magħhom li għandek id-dijabete. Għidilhom x'jista' jiġri meta l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa żżejjed, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin.

Għidilhom li jekk iħossok ħażin, huma jridu:
- idawruk fuq ġenbek biex tevita li tifga
- iġibu għajnuna medika minnufih
- **ma jtukx** l-ebda ikel jew xorb, għax tista' tifga.

Meta tintilef minn sensik tista' tirkupra aktar malajr b'injezzjoni ta' glucagon. Dan jista' jingħata biss minn xi ħadd li jaf jużah.
- Jekk tingħata glucagon, se jkollok bżonn tieħu z-zokkor jew xi ħaġa ħafifa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik.
- Jekk ma tirrispondix għall-kura b'injezzjoni ta' glucagon, se jkollok bżonn tiġi kkurat fi sptar.

Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor ma jiġix ikkurat, maż-żmien jista' jikkawża ħsara fil-moħħ. Dan jista' jdum għal ftit żmien jew idum ħafna. Jista' wkoll jikkawża l-mewt.

**Kellem lit-tabib tiegħek jekk:**
- il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek tbaxxa tant li ħassek ħażin
- ingħatajt injezzjoni ta' glucagon
- kellek livell baxx iżżejjed ta' zokkor fid-demm għal ftit drabi dan l-aħħar.

Dan hu għax id-dożaġġ jew il-ħin ta' meta tieħu l-injezzjonijiet tal-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju, jista' jkollhom bżonn jinbidlu.

- ***Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)***

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tiekol aktar jew tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu; tixrob l-alkoħol; ikollok infezzjoni jew deni; ma tużax insulina biżżejjed; tieħu inqas insulina milli għandek bżonn ripetutament; tinsa tieħu l-insulina jew tieqaf tieħu l-insulina.

**Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm – dawn normalment jidhru gradwalment:**
Ħmura fil-wiċċ, ġilda xotta, tħossok bi ngħas jew għajjien, ħalq xott, riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq, tagħmel l-awrina aktar ta' spiss, tħossok bil-għatx, titlef l-aptit, tħossok imqalla' (dardir jew rimettar). Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi. Din hi akkumulazzjoni ta' aċtu fid-demm għax il-ġisem ikun qed ikisser ix-xaħam minflok iz-zokkor. Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment mewt.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell għoli ta' zokkor fid-demm**
- Ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- Agħti doża ta' korrezzjoni tal-insulina jekk ġejt mgħallem kif għandek tagħmel dan.
- Ittestja l-awrina tiegħek għal ketones.
- Jekk għandek il-ketones, fittex għajnuna medika immedjatament.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Fiasp

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq it-tikketta u l-kartuna wara 'JIS'. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Qabel ma jinfetaħ għall-ewwel darba
Aħżen fi friġġ (2°C –8°C). Tagħmlux fil-friża. Żommu ’l bogħod mill-element li jiffriża. Żomm l-għatu tal-pinna f’postu sabiex tilqa’ mid-dawl.

Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba jew meta jinġarr bħala sper
Tista’ ġġorr il-pinna mimlija għal-lest (FlexTouch) tiegħek miegħek u żżommha fit-temperatura tal-kamra (mhux aktar minn 30°C) jew fi friġġ (2°C – 8°C) sa perjodu ta’ 4 ġimgħat. Dejjem żomm l-għatu fuq il-pinna meta ma tkunx qed tużaha sabiex tilqa’ mid-dawl.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m’għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X’fih Fiasp**

- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru ta’ soluzzjoni fih 100 unità ta’ insulina aspart. Kull pinna mimlija għal-lest fiha 300 unità ta’ insulina aspart f’soluzzjoni ta’ 3 mL.
- Is-sustanzi l-oħra huma phenol, metacresol, glycerol, zinc acetate, disodium phosphate dihydrate, arginine hydrochloride, nicotinamide (vitamin $B_3$), hydrochloric acid (għall-aġġustament tal-pH), sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH) (ara t-tmiem ta’ sezzjoni 2 taħt ‘Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti fi Fiasp’) u l-ilma għall-injezzjonijiet.

**Kif jidher Fiasp u l-kontenut tal-pakkett**
Fiasp hu ppreżentat bħala soluzzjoni ċara, bla kulur u akweja għall-injezzjoni f’pinna mimlija għal-lest.

Daqsijiet tal-pakketti ta’ 1, 5 jew pakkett multiplu bi 2 x 5 pinen mimlija għal-lest ta’ 3 mL. Jista’ jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

Novo Nordisk A/S,
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f’**

**Sorsi oħra ta’ informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu.

**Istruzzjonijiet dwar kif tuża Fiasp FlexTouch**

**Jekk jogħġbok aqra sew dawn l-istruzzjonijiet li ġejjin** qabel ma tuża l-pinna mimlija għal-lest FlexTouch tiegħek. Jekk ma ssegwix sew l-istruzzjonijiet, tista' tieħu ftit wisq jew żżejjed ta' insulina, li jista' jwassal għal livell ta' zokkor fid-demm għoli jew baxx.

**Tużax il-pinna mingħajr taħriġ kif suppost** mit-tabib jew mill-infermier tiegħek.
Ibda billi tiċċekkja l-pinna tiegħek biex **tiżgura li fiha Fiasp 100 unità/mL,** imbagħad ħares lejn l-istampi hawn taħt biex issir familjari mal-partijiet differenti tal-pinna u l-labra tiegħek.

**Jekk inti persuna għamja jew għandek vista batuta u ma tistax taqra l-kontatur tad-doża fuq il-pinna, tużax din il-pinna mingħajr għajnuna.** Ikseb għajnuna mingħand persuna b'vista tajba u li tkun imħarrġa biex tuża l-pinna mimlija għal-lest tiegħek FlexTouch.

Il-pinna tiegħek hi pinna tal-insulina mimlija għal-lest li tħallik tisselezzjona d-doża u fiha 300 unità ta' insulina. Tista' tagħżel **massimu ta' 80 unità f'kull doża, f'żidiet ta' unità 1.** Il-pinna tiegħek hi maħsuba biex tintuża ma' labar għall-injezzjoni li jintużaw darba biss u li jintremew wara li jintużaw b'tul ta' bejn 4 mm u 8 mm u gejġ bejn 30G u 32G. Il-labar mhumiex inklużi f'dan il-pakkett.

**Tagħrif importanti**
Oqgħod attent ħafna għal dawn in-noti għax huma importanti għall-użu korrett tal-pinna.

## Fiasp pinna mimlija għal-lest u labra (eżempju) (FlexTouch)



**1 Ipprepara l-pinna tiegħek b'labra ġdida**

- **Iċċekkja l-isem u l-qawwa fuq it-tikketta** tal-pinna tiegħek, biex taċċerta ruħek li jkun fiha Fiasp 100 unità/mL. Dan hu importanti b'mod speċjali jekk tieħu aktar minn tip wieħed ta' insulina. Jekk tieħu tip żbaljat ta' insulina, il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.

- **Neħħi l-għatu tal-pinna.**




- **Iċċekkja li l-insulina fil-pinna tiegħek tkun ċara** u bla kulur.
  Ħares minn ġot-tieqa tal-insulina. Jekk l-insulina tidher imċajpra, tużax il-pinna.




- **Ħu labra ġdida** u aqta' s-siġill protettiv.




**Kun ċert li twaħħal il-labra b'mod korrett**

- Imbotta l-labra **dritt** fuq il-pinna.
- Dawwar sakemm tkun **issikkata.**




**Il-labra hija mgħottija b'żewġ għotjin. Trid tneħħi ż-żewġ għotjin**. Jekk tinsa tneħħi ż-żewġ għotjin, **m'intix** se tinjetta ebda insulina.

- **Neħħi l-għatu ta' barra tal-labra u żommu għal wara.** Se jkollok bżonnu wara l-injezzjoni, biex tneħħi l-labra minn mal-pinna bla periklu.



- **Neħħi l-għatu ta' ġewwa tal-labra u armih.** Jekk tipprova terġa' tpoġġih f'postu, tista' tniggeż jew tweġġa' lilek innifsek aċċidentalment bil-labra.

Qatra insulina tista' tidher fil-ponta tal-labra. Dan hu normali, iżda xorta waħda trid tiċċekkja l-fluss tal-insulina.

**Twaħħalx labra ġdida** mal-pinna tiegħek sakemm tkun lest biex tieħu l-injezzjoni tiegħek.



⚠ **Dejjem uża labra ġdida għal kull injezzjoni.**
Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, nixxija ta' insulina, labar imblukkati u dożaġġ mhux preċiż.

⚠ **Qatt m'għandek tuża labra mgħawġa jew bil-ħsara.**

**2 Iċċekkja l-fluss tal-insulina**

- **Dejjem iċċekkja l-fluss tal-insulina qabel ma tibda.**
**Dan jgħinek biex tiżgura li tieħu d-doża sħiħa tiegħek tal-insulina.**

- Dawwar is-selettur tad-doża biex **tagħżel 2 unitajiet. Kun ċert li l-kontatur tad-doża juri 2.**




- Żomm il-pinna bil-labra tipponta 'l fuq.
**Taptap in-naħa ta' fuq tal-pinna bil-mod** għal ftit drabi biex jekk ikun hemm xi bżieżaq tal-arja dawn jitilgħu fuq nett.



- **Agħfas u żomm il-buttuna tal-injezzjoni** magħfusa 'l ġewwa sakemm il-kontatur tad-doża jerġa' lura fuq iż-0.

Iż-0 irid ikun bi dritt l-indikatur tad-doża.
Qatra ta' insulina għandha tidher fit-tarf tal-labra.




Bużżieqa żgħira tal-arja tista' tibqa' fit-tarf tal-labra, iżda mhux se tiġi injettata.

**Jekk ma tidher l-ebda qatra**, irrepeti passi 2**A** sa 2**C** għal massimu ta' 6 darbiet. Jekk il-qatra xorta tibqa' ma tidhirx, ibdel il-labra u rrepeti passi 2**A** sa 2**C** għal darba oħra.

Jekk il-qatra tal-insulina xorta tibqa' ma titfaċċax, armi l-pinna u uża waħda ġdida.

⚠ **Dejjem aċċerta ruħek li tidher** qatra fit-tarf tal-labra qabel ma tinjetta. B'hekk tiżgura li l-fluss tal-insulina jkun kif suppost.

Jekk ma tidher l-ebda qatra, l-ebda insulina mhi se tiġi injettata, anki jekk il-kontatur tad-doża jista' jiċċaqlaq. Dan jista' jindika li hemm xi labra imblukkata jew bil-ħsara.

⚠ **Dejjem iċċekkja l-fluss qabel ma tinjetta.** Jekk ma tiċċekkjax il-fluss, tista' tieħu ftit wisq ta' insulina jew lanqas qatra ta' insulina. Dan jista' jwassal li jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm.

### 3 Agħżel id-doża tiegħek

- **Aċċerta ruħek li l-kontatur tad-doża juri 0 qabel ma tibda.**
  Iż-0 jrid jiġi bi dritt mal-indikatur tad-doża.

- **Dawwar is-selettur tad-doża biex tagħżel id-doża li teħtieġ,** skont l-istruzzjonijiet tat-tabib jew tal-infermier tiegħek.

  Jekk tagħżel doża ħażina, tista' ddawwar is-selettur tad-doża 'l quddiem jew lura biex tagħżel id-doża korretta.

  Il-pinna tista' tagħżel sa massimu ta' 80 unità.



Is-selettur tad-doża jibdel in-numru ta' unitajiet. Il-kontatur tad-doża u l-indikatur tad-doża biss se juru kemm unitajiet tkun għażilt għal kull doża.

Tista' tagħżel sa 80 unità għal kull doża. Meta l-pinna tiegħek ikun fiha inqas minn 80 unità, il-kontatur tad-doża jieqaf fuq in-numru ta' unitajiet li jkun fadal.

⚠ **Qabel ma tinjetta l-insulina, dejjem uża l-kontatur tad-doża u l-indikatur tad-doża biex tara kemm tkun għażilt unitajiet.**
**Tgħoddx** il-klikks tal-pinna biex tissettja d-doża. Jekk tagħżel u tinjetta d-doża żbaljata, il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq jew jitbaxxa wisq.
Tużax l-iskala tal-insulina, għax din turi biss bejn wieħed u ieħor kemm ikun fadal insulina fil-pinna tiegħek.
Is-selettur tad-doża jagħmel ħsejjes differenti meta tkun qed iddawru l-quddiem, lura jew tkun dawwart iżjed mill-unitajiet li fadal.

**4 Injetta d-doża tiegħek**

- **Daħħal il-labra fil-ġilda** kif ġejt muri mit-tabib jew mill-infermier tiegħek.

- **Aċċerta ruħek li tkun tista' tara l-kontatur tad-doża.**
  Tmissx il-kontatur tad-doża b'subgħajk. Dan jista' jinterrompi l-injezzjoni.




- **Agħfas u żomm 'l isfel il-buttuna tal-injezzjoni . Ħares hekk kif il-kontatur tad-doża jirritorna fuq iż-0.** Iż-0 irid ikun bi dritt l-indikatur tad-doża. Tista' mbagħad tisma' jew tħoss klikk.

- **Kompli agħfas il-buttuna tal-injezzjoni waqt li żżomm il-labra fil-ġilda tiegħek.**




- **Għodd bil-mod sa 6 waqt li żżomm il-buttuna tal-injezzjoni magħfusa.**

- Jekk il-labra titneħħa qabel, tista' tara nixxiegħa ta' insulina ħierġa mill-ponta tal-labra. Jekk dan iseħħ, id-doża sħiħa ma tkunx ingħatat, u għandek tiċċekkja l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek aktar spiss.



- **Neħħi l-labra minn ġol-ġilda.** Tista' mbagħad tħalli l-buttuna tal-injezzjoni.

  Jekk jidher xi demm fejn tkun tajt l-injezzjoni, agħfas bil-mod fuq il-ġilda għal ftit minuti biex twaqqaf il-ħruġ tad-demm. Togħrokx dik iż-żona.




Tista' tara qatra insulina fil-ponta tal-labra wara li tinjetta. Dan hu normali u ma jaffettwax id-doża tiegħek.

⚠ **Dejjem ħares lejn il-kontatur tad-doża biex tkun taf kemm unitajiet se tinjetta.** Żomm il-buttuna tal-injezzjoni 'l isfel sakemm il-kontatur tad-doża juri 0. Jekk il-kontatur tad-doża ma jerġax lura fuq iż-0, id-doża sħiħa ma tkunx ingħatat, li jista' jirriżulta f'livell għoli ta' zokkor fid-demm.

**Kif tagħraf labra mblukkata jew bil-ħsara?**
- Jekk ma jidhirx iż-0 fil-kontatur tad-doża wara li tagħfas il-buttuna tal-injezzjoni kontinwament, jista' jkun li tkun użajt labra mblukkata jew bil-ħsara.
- F'dan il-każ – inti **ma tkun irċivejt l-ebda** mediċina – anki jekk il-kontatur tad-doża jkun mexa mid-doża oriġinali li tkun għażilt.

**X'tagħmel b'labra mblukkata?**
Neħħi l-labra kif spjegat f'sezzjoni 5 u rrepeti l-passi kollha billi tibda minn sezzjoni 1: Ipprepara l-pinna tiegħek b'labra ġdida. Aċċerta ruħek li tagħżel id-doża sħiħa li teħtieġ.

**Qatt m'għandek tmiss il-kontatur tad-doża meta tinjetta.**
Dan jista' jinterrompi l-injezzjoni.

## 5 Wara l-injezzjoni

**Dejjem armi l-labra wara kull injezzjoni**
Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, nixxija ta' insulina, labar imblukkati u dożaġġ mhux preċiż. Jekk il-labra tkun imblukkata, inti **m'int se tinjetta** l-ebda insulina.

- Fuq wiċċ ċatt **daħħal it-tarf tal-labra ġol-għatu ta' barra tal-labra** mingħajr ma tmiss il-labra jew l-għatu ta' barra tal-labra.




- Ġaladarba l-labra tkun mgħottija, **imbotta bil-mod l-għatu ta' barra tal-labra biex tagħlqu kompletament.**

- **Ħoll il-labra** u armiha kif infurmawk it-tabib, l-infermier, l-ispiżjar jew l-awtoritajiet lokali tiegħek.




- Wara kull użu, **poġġi l-għatu fuq il-pinna** tiegħek sabiex tipproteġi l-insulina mid-dawl.




Meta l-pinna tkun vojta, armiha **mingħajr** ma jkollha labra mwaħħla, kif infurmawk it-tabib, l-infermier, l-ispiżjar jew l-awtoritajiet lokali tiegħek.

⚠ **Qatt m'għandek tipprova tpoġġi l-għatu ta' ġewwa tal-labra lura fuq il-labra.** Tista' tniggeż jew tweġġa' lilek innifsek bil-labra.

⚠ **Dejjem neħħi l-labra mill-pinna wara kull injezzjoni** u aħżen il-pinna tiegħek mingħajr mal-labra tkun imwaħħla. Dan inaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni, infezzjoni, nixxija ta' insulina, labar imblukkati u dożaġġ mhux preċiż.

## 6 Kemm fadal insulina?

- L-**iskala tal-insulina** turik **bejn wieħed u ieħor** kemm ikun fadal insulina fil-pinna tiegħek.




- **Biex tara eżatt kemm fadal insulina,** uża l-kontatur tad-doża:
  Dawwar is-selettur tad-doża sakemm il-**kontatur tad-doża jieqaf**.
  Jekk juri 80, ikun fadal **mill-inqas 80** unità fil-pinna tiegħek.
  Jekk juri **inqas minn 80**, in-numru muri jkun in-numru ta' unitajiet li jkun fadal fil-pinna tiegħek.




- Dawwar is-selettur tad-doża lura sakemm il-kontatur tad-doża juri 0.

- Jekk ikollok bżonn ta' iktar unitajiet ta' insulina mill-unitajiet li jkun fadal, tista' taqsam id-doża tiegħek bejn żewġ pinen.

⚠ **Oqgħod attent ħafna biex tikkalkula b'mod korrett jekk qed/a taqsam id-doża tiegħek.** Jekk ikollok xi dubju, ħu d-doża sħiħa billi tuża pinna ġdida. Jekk qsamt id-doża ħażin, int se tinjetta ftit wisq jew iżżejjed insulina, li jista' jwassal għal livell għoli jew baxx ta' zokkor fid-demm.

⚠ **Informazzjoni importanti addizzjonali**

- **Dejjem żomm il-pinna tiegħek fuqek.**
- **Dejjem żomm fuqek pinna żejda u labar ġodda**, f'każ li titlef il-pinna jew il-pinna tkun bil-ħsara.
- Dejjem żomm il-pinna u l-labar **fejn ma jidhrux u fejn ma jistgħux jintlaħqu minn persuni oħrajn**, speċjalment tfal.
- **Qatt m'għandek taqsam** il-pinna jew il-labar tiegħek ma' persuni oħrajn. Dan jista' jwassal li tinfettaw lil xulxin.
- **Qatt m'għandek taqsam** il-pinna tiegħek ma' persuni oħrajn. Il-mediċina tiegħek tista' tkun ta' ħsara għalihom.
- Persuni li jieħdu ħsieb il-pazjent iridu **joqogħdu attenti ħafna kif jimmaniġġjaw il-labar użati** – biex inaqqsu r-riskju li jweġġgħu bil-labar u jinfettaw lilhom infushom.

**Kif tieħu ħsieb il-pinna tiegħek**

- Ħu ħsieb il-pinna tiegħek. L-immaniġġar bil-goff jew l-użu mhux kif suppost jista' jikkawża dożaġġ li ma jkunx preċiż, li jista' jwassal għal livell għoli jew baxx ta' zokkor fid-demm.
- **Tħallix il-pinna f'karozza** jew f'post ieħor fejn tista' tisħon ħafna jew tiksaħ ħafna.
- **Tħallix il-pinna tiegħek tiġi esposta għal trab, ħmieġ jew likwidu**.
- **Taħsilx, tgħaddasx jew tillubrikax il-pinna tiegħek.** Jekk ikun hemm bżonn, naddafha b'deterġent ħafif fuq biċċa drapp niedja.
- **Twaqqax il-pinna tiegħek** jew tħabbatha ma' superfiċji ibsin.
  Jekk twaqqagħha jew tissuspetta problema, waħħal labra ġdida u ċċekkja l-fluss tal-insulina qabel ma tinjetta.
- **Tippruvax timla mill-ġdid il-pinna tiegħek.** Ġaladarba tkun vojta, trid tintrema.
- **Tippruvax issewwi l-pinna tiegħek** jew iżżarmaha.

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Fiasp 100 unità/mL Penfill soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

– Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
– Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
– Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
– Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**

1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp
3. Kif għandek tuża Fiasp
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Fiasp
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża

Fiasp hu insulina li tittieħed fil-ħin tal-ikel u li jaħdem malajr biex ibaxxi z-zokkor fid-demm. Fiasp hu soluzzjoni għall-injezzjoni li fih insulina aspart u li jintuża għall-kura tad-dijabete mellitus fl-adulti, fl-adolexxenti u tfal minn sena 'l fuq. Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm. Kura b'Fiasp tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.
Fiasp għandu jiġi injettat sa 2 minuti qabel il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jiġi injettat sa 20 minuta wara li tibda l-ikla.
Din il-mediċina jkollha l-effett massimu tagħha bejn siegħa u 3 sigħat wara l-injezzjoni, u l-effett idum għal 3 sa 5 sigħat.
Din il-mediċina għandha normalment tintuża flimkien ma' preparazzjonijiet oħrajn ta' insulina li jaġixxu b'effett intermedju jew li jaġixxu fit-tul.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp

**Tużax Fiasp**
- jekk inti allerġiku għall-insulina aspart jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6).

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek qabel tuża Fiasp. Fuq kollox oqgħod attent għal dawn li ġejjin:
- Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell baxx ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'. Fiasp jibda jbaxxi z-zokkor fid-demm aktar malajr meta mqabbel ma' insulini oħrajn li jittieħdu fil-ħin tal-ikel. Jekk isseħħ l-ipogliċemija, inti jista' jkollok din il-kundizzjoni aktar malajr wara injezzjoni b'Fiasp.
- Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija) – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun għoli wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'.

- Meta tbiddel minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina – It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jagħtik xi parir dwar id-doża tal-insulina tiegħek.
- Jekk it-trattament tiegħek bl-insulina qed jiġi mogħti flimkien ma' pioglitazone (mediċina orali kontra d-dijabete użata fit-trattament tad-dijabete mellitus tip 2) – . Għid lit-tabib tiegħek mill-aktar fis jekk ikollok xi sinjali ta' insuffiċjenza tal-qalb bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata minħabba żamma ta' fluwidi (edima).
- Disturbi fl-għajnejn – Id-disturb fl-għajnejn minħabba d-dijabete bħal retinopatija dijabetika jista' b'mod temporanju jmur għall-agħar jekk it-titjib fil-kontroll taz-zokkor fid-demm isir b'rata mgħaġġla.
- Uġigħ minħabba ħsara fin-nervituri – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb b'rata mgħaġġla ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri, li.normalment ikun temporanju.
**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (dawn mhumiex komuni u jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; il-frekwenza ta' kemm din is-seħħ mhijiex magħrufa ). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**Effetti sekondarji oħra jinkludu:**

**Komuni** *(*jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10*)*
<u>Reazzjoni fis-sit mnejn jingħata:</u> Reazzjonijiet lokali jistgħu jseħħu fil-post fejn tinjetta lilek innifsek. Is-sinjali jistgħu jinkludu: raxx, ħmura, infjammazzjoni, tbenġil, irritazzjoni, uġigħ u ħakk. Normalment dawn ir-reazzjonijiet imorru wara ftit jiem.

Reazzjonijiet tal-ġilda: Sinjali ta' allerġija fuq il-ġilda bħal ekżema, raxx, ħakk, urtikarja u dermatite jistgħu jseħħu.

**Effetti ġenerali mit-trattament bl-insulina inkluż Fiasp**

- ***Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)*** (komuni ħafna)

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tixrob l-alkoħol; tinjetta żżejjed insulina; tagħmel aktar eżerċizzju mis-soltu; tiekol ftit wisq jew taqbeż xi ikla.

**Sinjali ta' twissija ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm – dawn jistgħu jiġu f'daqqa:**
Uġigħ ta' ras, diskors ma jiftiehemx, taħbit tal-qalb mgħaġġel, għaraq kiesaħ, ġilda kiesħa u pallida, tħossok imdardar, tħossok bil-ġuħ ħafna, rogħda jew tħossok nervuż jew inkwetat, tħoss għeja, dgħufija jew ikollok ngħas mhux tas-soltu,tħossok konfuż, diffikultà biex tikkonċentra tibdil temporanju fil-vista.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm**
- Jekk inti konxju, ikkura minnufih il-livell baxx ta' zokkor fid-demm permezz ta' 15-20 g ta' karboidrat li jaġixxi b'mod mgħaġġel; kul pilloli tal-glukosju jew ikla oħra ħafifa b'ħafna zokkor, bħal meraq tal-frott, ħelu jew biskuttini (dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju jew ikla ħafifa b'ħafna zokkor, għal li jista' jkun).
- Huwa rrakkomandat li terġa' tiċċekkja l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek wara 15-20 minuta u terġa' tieħu l-kura jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek għadhom inqas minn 4 mmol/L.
- Stenna sakemm is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal. Imbagħad kompli ħu l-kura bl-insulina tiegħek bħas-soltu.

**X'għandhom ikunu jafu persuni oħrajn jekk iħossok ħażin**
Għid lill-persuni kollha li tqatta' ż-żmien magħhom li għandek id-dijabete. Għidilhom x'jista' jiġri meta l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa żżejjed, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin.

Għidilhom li jekk iħossok ħażin, huma jridu:
- idawruk fuq ġenbek biex tevita li tifga
- iġibu għajnuna medika minnufih
- **ma jtukx** l-ebda ikel jew xorb, għax tista' tifga.

Meta tintilef minn sensik tista' tirkupra aktar malajr b'injezzjoni ta' glucagon. Dan jista' jingħata biss minn xi ħadd li jaf jużah.
- Jekk tingħata glucagon, se jkollok bżonn tieħu z-zokkor jew xi ħaġa ħafifa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik.
- Jekk ma tirrispondix għall-kura b'injezzjoni ta' glucagon, se jkollok bżonn tiġi kkurat fi sptar.

Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor ma jiġix ikkurat, maż-żmien jista' jikkawża ħsara fil-moħħ. Dan jista' jdum għal ftit żmien jew idum ħafna. Jista' wkoll jikkawża l-mewt.

**Kellem lit-tabib tiegħek jekk:**
- il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek tbaxxa tant li ħassek ħażin
- ingħatajt injezzjoni ta' glucagon
- kellek livell baxx iżżejjed ta' zokkor fid-demm għal ftit drabi dan l-aħħar.

Dan hu għax id-dożaġġ jew il-ħin ta' meta tieħu l-injezzjonijiet tal-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju, jista' jkollhom bżonn jinbidlu.

- ***Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)***

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tiekol aktar jew tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu; tixrob l-alkoħol; ikollok infezzjoni jew deni; ma tużax insulina biżżejjed; tieħu inqas insulina milli għandek bżonn ripetutament; tinsa tieħu l-insulina jew tieqaf tieħu l-insulina.

**Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm – dawn normalment jidhru gradwalment:** Ħmura fil-wiċċ, ġilda xotta, tħossok bi ngħas jew għajjien, ħalq xott, riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq, tagħmel l-awrina aktar ta' spiss, tħossok bil-għatx, titlef l-aptit, tħossok imqalla' (dardir jew rimettar). Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi. Din hi akkumulazzjoni ta' aċtu fid-demm għax il-ġisem ikun qed ikisser ix-xaħam minflok iz-zokkor. Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment mewt.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell għoli ta' zokkor fid-demm**
- Ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- Agħti doża ta' korrezzjoni tal-insulina jekk ġejt mgħallem kif għandek tagħmel dan.
- Ittestja l-awrina tiegħek għal ketones.
- Jekk għandek il-ketones, fittex għajnuna medika immedjatament.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Fiasp

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq it-tikketta u l-kartuna wara 'JIS'. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

<u>Qabel ma jinfetaħ għall-ewwel darba</u>
Aħżen fi friġġ (2°C – 8°C). Tagħmlux fil-friża. Żommu 'l bogħod mill-element li jiffriża. Żomm il-kunjett fil-kartuna sabiex tilqa' mid-dawl.

<u>Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba jew meta jinġarr bħala sper</u>
Tista' ġġorr il-kunjett miegħek u żżommu f'temperatura tal-kamra (mhux aktar minn 30°C) jew fi friġġ (2°C – 8°C) sa perjodu ta' 4 ġimgħat (inkluż il-ħin fir-reċipjent tal-pompa). Dejjem għandek iżżomm il-kunjett fil-kartuna sabiex tilqa' mid-dawl.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Fiasp**
- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull kunjett fih 1,000 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 10 mL.
- Is-sustanzi l-oħra huma phenol, metacresol, glycerol, zinc acetate, disodium phosphate dihydrate, arginine hydrochloride, nicotinamide (vitamin $B_3$), hydrochloric acid (għall-aġġustament tal-pH), sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH) (ara t-tmiem ta' sezzjoni 2 taħt 'Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti fi Fiasp') u l-ilma għall-injezzjonijiet.

**Kif jidher Fiasp u l-kontenut tal-pakkett**
Fiasp hu ppreżentat bħala soluzzjoni ċara, bla kulur u akweja għall-injezzjoni f'kunjett.
Kull kunjett fih 10 mL ta' soluzzjoni.

Daqsijiet tal-pakkett ta' 1, 5 jew pakkett multiplu b'5 x (1 x 10 mL) kunjetti. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**
Novo Nordisk A/S,
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu.

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Fiasp 100 unità/mL PumpCart soluzzjoni għall-injezzjoni fi skartoċċ**
insulina aspart

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

– Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
– Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek.
– Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
– Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**
1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp
3. Kif għandek tuża Fiasp
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Fiasp
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

## 1. X'inhu Fiasp u għalxiex jintuża

Fiasp hu insulina li jaħdem malajr biex ibaxxi z-zokkor fid-demm. Fiasp hu soluzzjoni għall-injezzjoni li fih insulina aspart u li jintuża għall-kura tad-dijabete mellitus fl-adulti, fl-adolexxenti u tfal minn sena 'l fuq. Id-dijabete hija marda fejn il-ġisem tiegħek ma jagħmilx biżżejjed insulina biex jikkontrolla l-livell taz-zokkor fid-demm. Kura b'Fiasp tgħin biex tippreveni komplikazzjonijiet mid-dijabete tiegħek.

**Dwar PumpCart**
L-iskartoċċ PumpCart jintuża ma' pompa tal-insulina magħmula għall-użu ma' dan l-iskartoċċ:
- Tajjeb biex jipprovdielek għall-ħtiġijiet kollha tiegħek ta' kuljum ta' insulina – kemm il-ħtiġijiet tal-insulina tiegħek tul il-ġurnata (bażali) u kemm ta' mal-ħin tal-ikel (bolus).
- Qabel ma tuża skartoċċ PumpCart fil-pompa, it-tabib jew l-infermier tiegħek iridu jkunu tawk istruzzjonijiet dettalljati.

**Ħtiġijiet ta' insulina tul il-ġurnata (bażali):**
Meta tuża Fiasp f'pompa, l-insulina tiegħek se tingħata b'mod kontinwu fil-ġisem tiegħek.
- Din tipprovdi għall-ħtiġijiet tiegħek tul il-ġurnata.
- Qabel ma tissettja jew tibdel ir-rata ta' tul il-ġurnata (bażali), aqra sew il-manwal tal-pompa (il-gwida għall-utent).
- Jekk twaqqaf il-pompa, kun af li l-effett tal-insulina se jonqos b'mod gradwali fuq medda ta' 3 sa 5 sigħat

**Ħtiġijiet ta' insulina waqt il-ħin tal-ikel (bolus) :**
- Ħu l-insulina tiegħek ta' waqt il-ħin tal-ikel 2 minuti qabel tibda l-ikla, bl-għażla li teħodha sa 20 minuta wara li bdejt l-ikla (ara sezzjoni 3, Kif għandek tuża Fiasp).
- L-effett massimu jseħħ bejn 1 u 3 sigħat wara l-għoti ta' waqt il-ħin tal-ikel.
- L-effett idum għal 3 sa 5 sigħat.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Fiasp

**Tużax Fiasp**

- jekk inti allerġiku għall-insulina aspart jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6).

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek qabel tuża Fiasp. Fuq kollox oqgħod attent għal dawn li ġejjin:
- Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell baxx ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'. Fiasp jibda jbaxxi z-zokkor fid-demm aktar malajr meta mqabbel ma' insulini oħrajn li jaħdmu malajr. Jekk isseħħ l-ipogliċemija, inti jista' jkollok din il-kundizzjoni aktar malajr wara injezzjoni b'Fiasp.
- Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija) – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun għoli wisq, segwi l-gwida ta' kif għandek tagħmel meta jkollok livell għoli ta' zokkor fid-demm f'sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli'.

Meta tbiddel minn prodotti mediċinali oħra tal-insulina – It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jagħtik xi parir dwar id-doża tal-insulina tiegħek.
- Jekk it-trattament tiegħek bl-insulina qed jiġi mogħti flimkien ma' pioglitazone (mediċina orali kontra d-dijabete użata fit-trattament tad-dijabete mellitus tip 2) – . Għid lit-tabib tiegħek mill-aktar fis jekk ikollok xi sinjali ta' insuffiċjenza tal-qalb bħal qtugħ ta' nifs mhux tas-soltu jew żieda ta' malajr fil-piż jew xi nefħa lokalizzata minħabba żamma ta' fluwidi (edima).
- Disturbi fl-għajnejn – Id-disturb fl-għajnejn minħabba d-dijabete bħal retinopatija dijabetika jista' b'mod temporanju jmur għall-agħar jekk it-titjib fil-kontroll taz-zokkor fid-demm isir b'rata mgħaġġla.
- Uġigħ minħabba ħsara fin-nervituri – Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jitjieb b'rata mgħaġġla ħafna, jista' jkollok uġigħ relatat man-nervituri, li.normalment ikun temporanju.
- Nefħa madwar il-ġogi tiegħek – Meta tibda tuża l-mediċina tiegħek għall-ewwel darba, ġismek jista' jżomm aktar ilma milli suppost. Dan jikkawża nefħa madwar l-għekiesi tiegħek u ġogi oħrajn. Dan normalment ma jdumx għal tul ta' żmien.
- Aċċerta ruħek li qed/a tuża t-tip it-tajjeb t'insulina – dejjem iċċekkja t-tiketta tal-insulina qabel kull injezzjoni sabiex tevita t-taħlit b'mod aċċidentali bejn prodotti tal-insulina.
- It-trattament bl-insulina jista' jikkawża l-ġisem jipproduċi antikorpi għall-insulina (sustanza li taħdem kontra l-insulina). Madankollu, f'każijiet rari ħafna, din se tikkawża xi tibdil fid-doża tiegħek tal-insulina.

Jekk għandek vista batuta, jekk jogħġbok ara sezzjoni 3 'Kif għandek tuża Fiasp'.

Xi kundizzjonijiet u attivitajiet jistgħu jaffettwaw kemm għandek bżonn insulina. Kellem lit-tabib tiegħek:
- jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jew tal-glandola adrenali, pitwitarja jew tat-tirojde.
- jekk qed tagħmel iktar eżerċizzju mis-soltu jew jekk trid tibdel id-dieta normali tiegħek, għax dan jista' jkollu effett fuq il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- jekk inti marid, kompli ħu l-insulina tiegħek u kellem lit-tabib tiegħek.
- Jekk se ssiefer, l-ivvjaġġar bejn żoni differenti ta' ħin jista' jaffettwa l-ħtiġijiet tiegħek tal-insulina u l-ħin meta tieħu l-injezzjonijiet.

Huwa rrakkomandat ħafna li meta jkun qed jintuża Fiasp, jitniżżel l-isem u n-numru tal-lott ta' kull pakkett sabiex wieħed ikun jaf liema lott ikun intuża.

Fiasp PumpCart huwa għall-użu biss ma' sistemi ta' pompi għall-infużjoni tal-insulina li ġejjin; il-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump. M'għandux jintuża ma' xi pompi oħra, għax dawn jistgħu jagħtuk doża ħażina tal-insulina tiegħek u li jistgħu jwasslu għal livell għoli jew baxx ta' zokkor fid-demm.

<u>Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni</u>
Is-sit tal-injezzjoni għandu jinbidel kull darba sabiex jgħin biex jiġu evitati bidliet fit-tessut xaħmi ta' taħt il-ġilda, bħal li tiħxien il-ġilda, tiċkien il-ġilda jew boċċi taħt il-ġilda. L-insulina tista' ma taħdimx

tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet (ara sezzjoni 3 'Kif għandek tuża Fiasp'). Għid lit-tabib tiegħek jekk tinduna b'xi bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni. Għid lit-tabib tiegħek jekk bħalissa qed tinjetta f'dawn iż-żoni affettwati qabel ma tibda tinjetta f'parti differenti. It-tabib tiegħek jista' jgħidlek biex tiċċekkja aktar mill-qrib iz-zokkor fid-demm tiegħek, u biex taġġusta d-doża tal-insulina jew tal-medikazzjonijiet antidijabetiċi l-oħra tiegħek.

**Tfal u adolexxenti**
Din il-mediċina mhix irrakkomandata għall-użu fit-tfal taħt l-età ta' sena.

**Mediċini oħra u Fiasp**
Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra. Xi mediċini jaffettwaw il-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek – dan jista' jfisser li d-doża tal-insulina tiegħek trid tinbidel.

Hawn taħt hawn elenkati l-iktar mediċini komuni li jistgħu jaffettwaw il-kura tiegħek bl-insulina.

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jaqa' (ipogliċemija) jekk tieħu:</u>
- mediċini oħra għall-kura tad-dijabete (orali jew li jistgħu jiġu injettati)
- antibijotiċi ta' sulphonamides (użati għat-trattament ta' infezzjonijiet)
- sterojdi anaboliċi (bħal testosterone)
- imblokkaturi tar-riċetturi beta (użati fil-trattament tal-pressjoni għolja fid-demm jew l-anġina)
- salicylates (użati biex itaffu l-uġigħ u jnaqqsu d-deni)
- inibituri ta' monoamine oxidase (MAOI) (użati għat-trattament tad-dipressjoni)
- inibituri tal-enzima li tikkonverti angiotensin (ACE) (għal xi problemi tal-qalb jew ta' pressjoni għolja fid-demm).

<u>Il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla (ipergliċemija) jekk tieħu:</u>
- danazol (mediċina li taħdem fl-ovulazzjoni)
- kontraċettivi li jittieħdu mill-ħalq (pilloli li jikkontrollaw biex ma tinqabadx tqila)
- ormoni tat-tirojde (għal problemi fil-glandola tat-tirojde)
- ormon tat-tkabbir (għal defiċjenza ta' ormon tat-tkabbir)
- glukokortikojdi (bħal 'cortisone' għall-infjammazzjoni)
- simpatomimetiċi (bħal epinephrine (adrenaline), salbutamol jew terbutaline għall-ażżma)
- thiazides (għall-pressjoni għolja fid-demm jew jekk il-ġisem tiegħek ikun qed iżomm ilma żżejjed (żamma ta' ilma)).

<u>Octreotide u lanreotide</u> – użati għat-trattament ta' kundizzjoni rari fejn ikun hemm ammont eċċessiv ta' ormon ta' tkabbir (akromegalija). Dawn jistgħu kemm iżidulek kif ukoll inaqqsulek il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.

Jekk xi waħda minn dawn t'hawn fuq tapplika għalik (jew jekk m'intix ċert), kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**Fiasp mal-alkoħol**
Jekk tixrob l-alkoħol, il-ħtieġa tiegħek għall-insulina tista' tinbidel hekk kif il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitla' jew jinżel. Għalhekk għandek timmonitorja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek aktar ta' spiss mis-soltu.

**Tqala u treddigħ**
Jekk inti tqila, taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina. Din il-mediċina tista' tintuża waqt it-tqala; madankollu jista' jkun hemm il-bżonn li tinbidel id-doża tal-insulina tiegħek waqt it-tqala u wara l-ħlas. Ħafna drabi l-ammont t'insulina li għandek bżonn waqt l-ewwel tliet xhur ta' tqala jonqos u jiżdied għall-kumplament tas-sitt xhur. Il-kontroll bil-għaqal tad-dijabete tiegħek hu meħtieġ waqt it-tqala. Il-prevenzjoni ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija) hu partikularment importanti għas-saħħa tat-tarbija tiegħek. Wara li jkollok it-tarbija, il-probabbiltà hi li l-ħtiġijiet tiegħek tal-insulina jerġgħu jirritornaw għal kemm kellek bżonn qabel it-tqala.

M’hemm ebda restrizzjonijiet għat-trattament b’Fiasp waqt it-treddigħ.

**Sewqan u tħaddim ta’ magni**
Jekk il-livell ta’ zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx dan jista’ jaffettwa l-ħila li ssuq jew tuża kwalunkwe għodod jew magni. Jekk il-livell ta’ zokkor fid-demm tiegħek ikun baxx, il-konċentrazzjoni u l-abbiltà tiegħek biex tirreaġixxi jistgħu jiġu affettwati. Dan jista’ jkun perikoluż għalik u għal ħaddieħor. Staqsi lit-tabib tiegħek jekk tistax issuq jekk:
- ta’ spiss ikollok livell baxx ta’ zokkor fid-demm
- issibha diffiċli biex tinduna li għandek livell baxx ta’ zokkor fid-demm.

**Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti fi Fiasp**
Din il-mediċina fiha anqas minn mmol 1 ta’ sodium (23 mg) f’kull doża, jiġifieri tista’ tgħid essenzjalment ‘ħielsa mis-sodium’.

## 3. Kif għandek tuża Fiasp

Jekk inti persuna għamja jew għandek vista batuta u ma tistax taqra l-iskrin tal-pompa, tużax din il-pompa mingħajr għajnuna. Fittex għajnuna mingħand persuna li għandha vista tajba u li hija mħarrġa fl-użu tal-pompa.

**Doża u meta għandek tuża Fiasp**
Dejjem uża l-insulina tiegħek u aġġusta d-dożi ta’ tul il-ġurnata (bażali) u ta’ matul il-ħin tal-ikel (bolus) eżatt kif qallek it-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib, ners jew spiżjar jekk m’intix ċert.
- Aġġusta l-insulina tiegħek ta’ matul l-ikel (bolus) skont kif jiġik ir-riżultat tat-test taz-zokkor fid-demm u l-ikel li tiekol.

<u>Adulti</u>
Id-dożi ta’ Fiasp waqt il-ħin tal-ikel għandhom jittieħdu eżatt qabel (0-2 minuti) il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jittieħdu sa 20 minuta wara li tibda l-ikla.

<u>Tfal</u>
Id-dożi ta’ Fiasp waqt il-ħin tal-ikel għandhom jittieħdu eżatt qabel (0-2 minuti) il-bidu tal-ikla, bl-għażla li jittieħdu sa 20 minuta wara li tibda l-ikla f’sitwazzjonijiet, fejn m’hemmx ċertezza dwar meta t-tifel/tifla se jiekol. F’dawn is-sitwazzjonijiet saqsi lit-tabib tiegħek għall-parir.

Jekk trid tibdel id-dieta tiegħek tas-soltu, iċċekkja l-ewwel mat-tabib,ners jew spiżjar għax bidla fid-dieta tista’ tibdel il-ħtieġa tiegħek tal-insulina.

Meta tkun qed/a tuża mediċini oħra, saqsi lit-tabib tiegħek jekk ikunx hemm bżonn ta’ aġġustament fit-trattament tiegħek.

<u>Użu f’pazjenti anzjani (65 sena jew aktar)</u>
Din il-mediċina tista’ tintuża f’pazjenti anzjani. Kellem lit-tabib tiegħek dwar tibdil fid-doża tiegħek.

<u>Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied</u>
Jekk għandek problemi tal-kliewi jew tal-fwied, jista’ jkollok bżonn tiċċekkja l-livell ta’ zokkor fid-demm tiegħek b’mod aktar regolari. Kellem lit-tabib tiegħek dwar tibdil fid-doża tiegħek.

**Kif tinjetta Fiasp**
Din il-mediċina hija tajba biss għall-injezzjoni taħt il-ġilda (injezzjoni subkutanja). Uża biss pompa li hi magħmula biex tintuża ma’ dan l-iskartoċċ.
- Qabel ma tuża l-iskartoċċ PumpCart fil-pompa, it-tabib jew in-ners tiegħek iridu jkunu tawk istruzzjonijiet dettaljati.
- Kellem lit-tabib tiegħek jekk ikollok bżonn tinjetta l-insulina tiegħek permezz ta’ metodu ieħor.

**Fejn għandek tagħmel l-injezzjoni**

- Normalment se tinjetta l-insulina tiegħek fin-naħa ta' quddiem ta' qaddek (iż-żaqq). Madankollu, taħt ir-rakkomandazzjoni tat-tabib tiegħek, tista' tuża n-naħa ta' fuq ta' dirgħajk.
- Tinjettax ġo vina jew ġo muskolu.
- Meta tibdel is-sett ta' infużjoni (pajp u labra), kun ċert li tibdel fejn iddaħħal il-labra. Dan jista' jnaqqas ir-riskju li tiżviluppa bidliet taħt il-ġilda (ara sezzjoni 4 'Effetti sekondarji possibbli').

**Tużax Fiasp**

- jekk l-iskartoċċ jew l-apparat li qed tuża li fih l-iskartoċċ twaqqa', jkollu l-ħsara jew tgħaffeġ. Ħudu lura mingħand min xtrajtu.
- jekk l-iskartoċċ ma jkunx inħażen kif suppost (ara sezzjoni 5 'Kif taħżen Fiasp').
- jekk l-insulina ma tidhirx ċara (eż. tidher imċajpra) u bla kulur.

Istruzzjonijiet dettalljati dwar kif tuża l-PumpCart tiegħek huma pprovduti fuq in-naħa l-oħra ta' dan il-fuljett.

**Kif tinjetta Fiasp**

- Aqra u segwi l-manwal tal-pompa (gwida għall-utent) li jiġi mal-pompa tal-insulina tiegħek.
- Kun ċert li tuża sett ta' infużjoni (pajpijiet u labra) adattati għall-pompa tal-insulina tiegħek.
- Iċċekkja l-isem u l-qawwa fuq it-tikketta tal-iskartoċċ (PumpCart) biex taċċerta ruħek li hi Fiasp.
- M'għandekx taqsam ma' oħrajn is-sett ta' infużjoni (pajpijiet u labra) u l-iskartoċċ PumpCart .
- It-tibdil tas-sett tal-infużjoni (pajpijiet u labra) għandu jsir skont l-istruzzjonijiet fl-informazzjoni tal-prodott ipprovdut mas-sett tal-infużjoni.

**X'għandek tagħmel jekk is-sistema tal-pompa ma taħdimx**

Għandek dejjem ikollok metodu alternattiv ta' għoti tal-insulina fejn tkun tista' tinjetta minn taħt il-ġilda (per eżempju, injettur ta' pinna jew siringi) f'każ li s-sistema tal-pompa ma taħdimx.

**Jekk tuża Fiasp aktar milli suppost**

Jekk tuża żżejjed insulina, il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jitbaxxa żżejjed (ipogliċemija); ara l-parir f'sezzjoni 4 taħt 'Livell baxx ta' zokkor fid-demm'.

**Jekk tinsa tuża Fiasp**

Jekk tinsa tuża l-insulina tiegħek, iz-zokkor fid-demm tiegħek jista' jogħla wisq (ipergliċemija). Ara sezzjoni 4 taħt 'Livell għoli ta' zokkor fid-demm'.

**Tliet passi sempliċi li jistgħu jgħinu sabiex jiġi evitat livell baxx jew għoli ta' zokkor fid-demm huma:**

- Dejjem żomm skrataċ żejda ta' Fiasp fuqek.
- Dejjem żomm xi ħaġa fuqek li turi li għandek id-dijabete.
- Dejjem żomm fuqek prodotti li jkun fihom iz-zokkor. Ara sezzjoni 4 taħt 'X'għandek tagħmel jekk ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm'.

**Jekk tieqaf tuża Fiasp**

Tiqafx tuża l-insulina tiegħek mingħajr ma l-ewwel titkellem mat-tabib tiegħek. Jekk tieqaf tuża l-insulina tiegħek, dan jista' jwassal għal livell għoli ħafna ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija severa) u ketoaċidożi (kundizzjoni fejn ikun hemm wisq aċtu fid-demm, li hu potenzjalment ta' periklu għall-ħajja). Ara s-sintomi u l-pariri f'sezzjoni 4 taħt 'Livell għoli ta' zokkor fid-demm'.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)** huwa komuni ħafna b'kura bl-insulina (jista' jaffettwa aktar minn persuna 1 minn kull 10). Jista' jkun serju ħafna. Jekk il-livell taz-zokkor fid-demm jinżel wisq, inti tista' tintilef minn sensik. Ipogliċemija serja tista' tikkawża ħsara fil-moħħ u tista' tkun ta' periklu għall-ħajja. Jekk għandek sintomi ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm, ħu passi **minnufih** biex iżżid il-livell taz-zokkor fid-demm. Ara l-parir taħt 'Livell baxx ta' zokkor fid-demm' aktar 'l isfel.

**Jekk ikollok reazzjoni allerġika serja** (inkluż xokk anafilattiku) għall-insulina jew għal xi wieħed mis-sustanzi fi Fiasp (kemm dan iseħħ ta' spiss mhuwiex magħruf), ieqaf uża din il-mediċina u għamel kuntatt minnufih mas-servizz tal-emerġenza medika.

Is-sinjali ta' reazzjoni allerġika serja jistgħu jinkludu:
- reazzjonijiet lokali (eż., raxx, ħmura u ħakk) li jinfirxu għal partijiet oħra ta' ġismek
- f'daqqa waħda ma tħossokx tajjeb u tibda tegħreq
- tibda tiddardar (rimettar)
- ikollok diffikultà biex tieħu n-nifs
- ikollok taħbit tal-qalb mgħaġġel jew tħossok stordut.

**Reazzjonijiet allerġiċi** bħal raxx tal-ġilda ġeneralizzat u nefħa fil-wiċċ jistgħu jseħħu. Dawn mhumiex komuni u jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100. Fittex tabib jekk is-sintomi jmorru għall-agħar jew ma tarax titjib wara xi ftit ġimgħat.

**Bidliet fil-ġilda fis-sit tal-injezzjoni**: Jekk tinjetta insulina fl-istess post, it-tessut xaħmi jista' jew jiċkien (lipoatrofija) jew jiħxien (lipoipertrofija) (dawn mhumiex komuni u jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100). Boċċi taħt il-ġilda jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn akkumulazzjoni ta' proteina msejħa amilojdi (amilojdożi tal-ġilda; il-frekwenza ta' kemm din is-seħħ mhijiex magħrufa ). L-insulina tista' ma taħdimx tajjeb ħafna jekk tinjetta f'żona bil-boċċi, li ċkienet jew li ħxienet. Ibdel is-sit tal-injezzjoni ma' kull injezzjoni biex tgħin fil-prevenzjoni ta' dawn il-bidliet fil-ġilda.

**Effetti sekondarji oħra jinkludu:**

**Komuni** *(*jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10*)*
<u>Reazzjoni fis-sit mnejn jingħata:</u> Reazzjonijiet lokali jistgħu jseħħu fil-post fejn tinjetta lilek innifsek. Is-sinjali jistgħu jinkludu: raxx, ħmura, infjammazzjoni, tbenġil, irritazzjoni, uġigħ u ħakk. Normalment dawn ir-reazzjonijiet imorru wara ftit jiem.
<u>Reazzjonijiet tal-ġilda:</u> Sinjali ta' allerġija fuq il-ġilda bħal ekżema, raxx, ħakk, urtikarja u dermatite jistgħu jseħħu.

**Effetti ġenerali mit-trattament bl-insulina inkluż Fiasp**

- ***Livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija)*** (komuni ħafna)

**Livell baxx ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tixrob l-alkoħol; tinjetta żżejjed insulina; tagħmel aktar eżerċizzju mis-soltu; tiekol ftit wisq jew taqbeż xi ikla.

**Sinjali ta' twissija ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm – dawn jistgħu jiġu f'daqqa:**
Uġigħ ta' ras, diskors ma jiftiehemx, taħbit tal-qalb mgħaġġel, għaraq kiesaħ, ġilda kiesħa u pallida, tħossok imdardar, tħossok bil-ġuħ ħafna, rogħda jew tħossok nervuż jew inkwetat, tħoss għeja, dgħufija jew ikollok ngħas mhux tas-soltu,tħossok konfuż, diffikultà biex tikkonċentra tibdil temporanju fil-vista.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell baxx ta' zokkor fid-demm**
- Jekk inti konxju, ikkura minnufih il-livell baxx ta' zokkor fid-demm permezz ta' 15-20 g ta' karboidrat li jaġixxi b'mod mgħaġġel; kul pilloli tal-glukosju jew ikla oħra ħafifa b'ħafna zokkor, bħal meraq tal-frott, ħelu jew biskuttini (dejjem ġorr miegħek pilloli tal-glukosju jew ikla ħafifa b'ħafna zokkor, għal li jista' jkun).

- Huwa rrakkomandat li terġa' tiċċekkja l-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek wara 15-20 minuta u terġa' tieħu l-kura jekk il-livelli taz-zokkor fid-demm tiegħek għadhom inqas minn 4 mmol/L.
- Stenna sakemm is-sinjali ta' livell baxx ta' zokkor fid-demm ma jibqgħux jidhru jew meta l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek ikun ġie lura għan-normal. Imbagħad kompli ħu l-kura bl-insulina tiegħek bħas-soltu.

**X'għandhom ikunu jafu persuni oħrajn jekk iħossok ħażin**
Għid lill-persuni kollha li tqatta' ż-żmien magħhom li għandek id-dijabete. Għidilhom x'jista' jiġri meta l-livell ta' zokkor fid-demm tiegħek jitbaxxa żżejjed, inkluż ir-riskju li jista' jtik ħass ħażin.

Għidilhom li jekk iħossok ħażin, huma jridu:
- idawruk fuq ġenbek biex tevita li tifga
- iġibu għajnuna medika minnufih
- **ma jtukx** l-ebda ikel jew xorb, għax tista' tifga.

Meta tintilef minn sensik tista' tirkupra aktar malajr b'injezzjoni ta' glucagon. Dan jista' jingħata biss minn xi ħadd li jaf jużah.
- Jekk tingħata glucagon, se jkollok bżonn tieħu z-zokkor jew xi ħaġa ħafifa b'ħafna zokkor malli tiġi f'sensik.
- Jekk ma tirrispondix għall-kura b'injezzjoni ta' glucagon, se jkollok bżonn tiġi kkurat fi sptar.

Jekk livell baxx ħafna ta' zokkor ma jiġix ikkurat, maż-żmien jista' jikkawża ħsara fil-moħħ. Dan jista' jdum għal ftit żmien jew idum ħafna. Jista' wkoll jikkawża l-mewt.

**Kellem lit-tabib tiegħek jekk:**
- il-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek tbaxxa tant li ħassek ħażin
- ingħatajt injezzjoni ta' glucagon
- kellek livell baxx iżżejjed ta' zokkor fid-demm għal ftit drabi dan l-aħħar.

Dan hu għax id-dożaġġ jew il-ħin ta' meta tieħu l-injezzjonijiet tal-insulina, l-ikel jew l-eżerċizzju, jista' jkollhom bżonn jinbidlu.

- ***Livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija)***

**Livell għoli ta' zokkor fid-demm jista' jseħħ jekk inti:**
Tiekol aktar jew tagħmel inqas eżerċizzju mis-soltu; tixrob l-alkoħol; ikollok infezzjoni jew deni; ma tużax insulina biżżejjed; tieħu inqas insulina milli għandek bżonn ripetutament; tinsa tieħu l-insulina jew tieqaf tieħu l-insulina.

**Sinjali ta' twissija ta' livell għoli ta' zokkor fid-demm – dawn normalment jidhru gradwalment:**
Ħmura fil-wiċċ, ġilda xotta, tħossok bi ngħas jew għajjien, ħalq xott, riħa ta' frott (acetone) fil-ħalq, tagħmel l-awrina aktar ta' spiss, tħossok bil-għatx, titlef l-aptit, tħossok imqalla' (dardir jew rimettar). Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni gravi ħafna msejħa ketoaċidożi. Din hi akkumulazzjoni ta' aċtu fid-demm għax il-ġisem ikun qed ikisser ix-xaħam minflok iz-zokkor. Jekk ma tikkurahiex, din tista' twassal għal koma dijabetika u eventwalment mewt.

**X'għandek tagħmel jekk ikollok livell għoli ta' zokkor fid-demm**
- Ittestja l-livell taz-zokkor fid-demm tiegħek.
- Agħti doża ta' korrezzjoni tal-insulina jekk ġejt mgħallem kif għandek tagħmel dan.
- Ittestja l-awrina tiegħek għal ketones.
- Jekk għandek il-ketones, fittex għajnuna medika immedjatament.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f'Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Fiasp

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.
Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq it-tikketta u l-kartuna wara 'JIS'. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Qabel ma jinfetaħ għall-ewwel darba
Aħżen fi friġġ (2°C – 8°C). Tagħmlux fil-friża. Żommu 'l bogħod mill-element li jiffriża. Żomm l-iskartoċċ fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Wara li jinfetaħ għall-ewwel darba jew meta jinġarr bħala sper
- Tagħmlux fil-friġġ waqt l-użu
- Tista' żżomm l-iskartoċċ (PumpCart) tiegħek fit-temperatura tal-kamra (mhux aktar minn 30°C) sa perjodu ta' ġimagħtejn.
- Wara dan il-perjodu, jista' jintuża sa 7 ijiem taħt 37°C f'pompa magħmula għall-użu ma' dan l-iskartoċċ.
- Żomm l-iskartoċċ PumpCart fil-kartuna ta' barra sakemm jintuża sabiex tipproteġih minn xi ħsara. Waqt l-użu dejjem żomm l-iskartoċċ 'il bogħod mid-dawl.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Fiasp**
- Is-sustanza attiva hi insulina aspart. Millilitru ta' soluzzjoni fih 100 unità ta' insulina aspart. Kull skartoċċ fih 160 unità ta' insulina aspart f'soluzzjoni ta' 1.6 mL.
- Is-sustanzi l-oħra huma phenol, metacresol, glycerol, zinc acetate, disodium phosphate dihydrate, arginine hydrochloride, nicotinamide (vitamin $B_3$), hydrochloric acid (għall-aġġustament tal-pH), sodium hydroxide (għall-aġġustament tal-pH) (ara t-tmiem ta' sezzjoni 2 taħt 'Tagħrif importanti dwar xi ingredjenti fi Fiasp') u l-ilma għall-injezzjonijiet.

**Kif jidher Fiasp u l-kontenut tal-pakkett**
Fiasp hu ppreżentat bħala soluzzjoni ċara, bla kulur u akweja għall-injezzjoni fi skartoċċ.

Daqsijiet tal-pakketti ta' 5 jew pakkett multiplu b'25 (5 pakketti ta' 5) skartoċċ ta' 1.6 mL. Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

Novo Nordisk A/S,
Novo Allé
DK-2880 Bagsværd, Id-Danimarka

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'**

**Sorsi oħra ta' informazzjoni**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu.

**Istruzzjonijiet dwar kif għandek tuża l-iskartoċċ mimli għal-lest Fiasp PumpCart.**

**Fiasp PumpCart għandu jintuża biss ma' sistema ta' pompa għall-infużjoni tal-insulina magħmula biex tintuża ma' dan l-iskartoċċ,** bħall-pompi tal-insulina Accu-Chek Insight u YpsoPump**.**

- Tużax ma' apparat ieħor li mhuwiex magħmul għall-iskartoċċ PumpCart.
- Dan għaliex jista' jirriżulta dożaġġ mhux korrett tal-insulina u li jista' jikkawża livell għoli ta' zokkor fid-demm (ipergliċemija) jew livell baxx ta' zokkor fid-demm (ipogliċemija).

**Jekk jogħġbok aqra sew dawn l-istruzzjonijiet** qabel tuża l-iskartoċċ PumpCart tiegħek**.**

**Jekk jogħġbok aqra wkoll il-manwal tal-pompa (gwida għall-utent)** li jiġi mal-pompa tal-insulina.

- L-iskartoċċ PumpCart huwa lest għall-użu direttament fil-pompa.

- L-iskartoċċ PumpCart fih 1.6 mL soluzzjoni ta' insulin aspart, ekwivalenti għal 160 unità.

- Qatt m'għandek tħallat ma' ebda prodott mediċinali ieħor.

- Terġax timla mill-ġdid l-iskartoċċ PumpCart. Ladarba jkun vojt, irid jintrema.

- Kun ċert li dejjem għandek skartoċċ PumpCart sper disponibbli.

- Tużax l-iskartoċċ PumpCart f'pinna tal-insulina, għax dan jista' jirriżulta f'dożaġġ li ma jkunx korrett.

- Waqt il-ħażna u l-użu, ipproteġi l-iskartoċċ PumpCart mid-dawl u s-sħana eċċessiva.

- Żomm l-iskartoċċ PumpCart fejn ma jistax jintlaħaq, speċjalment mit-tfal




## 1. Qabel ma ddaħħal skartoċċ PumpCart fil-pompa tiegħek

- Ġib l-iskartoċċ PumpCart għat-temperatura tal-kamra.

- Oħroġ l-iskartoċċ PumpCart minn ġol-kartun tagħha u minn ġol-folja.

- Iċċekkja t-tikketta biex tkun ċert li huwa skartoċċ Fiasp PumpCart.

- Iċċekkja d-data ta' skadenza- li qeda fuq it-tikketta u fuq il-kartuna.

- Dejjem iċċekkja li l-iskartoċċ PumpCart jidher kif għandu jkun (stampa A). **Tużahx** jekk tara xi ħsara jew qed jitlef xi likwidu jew jekk il-planġer mexa u tkun tista' tara l-qiegħ tal-planġer minn fuq il-faxx abjad ta' tikketta. Dan jista' jkun minħabba xi telf ta' insulina mill-iskartoċċ. Fl-istampa A il-qiegħ tal-planġer ma jidhirx minn wara l-faxx abjad ta' tikketta kif għandu jkun. Jekk taħseb li l-iskartoċċ PumpCart għandu xi ħsara, ħudu lura minn għand min xtrajtu.

- Iċċekkja li l-insulina fl-iskartoċċ PumpCart hija ċara u mingħajr kulur. Jekk l-insulina tidher imċajpra, tużax l-iskartoċċ PumpCart. L-iskartoċċ jista' jkollu xi bżieżaq żgħar.

**2. Meta ddaħħal skartoċċ Fiasp PumpCart ġdid fil-pompa tiegħek**

- Segwi l-istruzzjonijiet fil-manwal għall-utent tal-pompa sabiex iddaħħal skartoċċ PumpCart ġdid fil-pompa tiegħek.

- Daħħal l-iskartoċċ PumpCart fil-kompartament tal-iskartoċċ fil-pompa. L-ewwel daħħal il-planġer.

- Qabbad is-sett ta' infużjoni mal-iskartoċċ PumpCart billi twaħħal l-adapter fuq il-pompa tiegħek.

- Segwi l-istruzzjonijiet fil-manwal għall-utent tal-pompa sabiex tkompli tuża l-pompa tiegħek.

**3. Biex tneħħi skartoċċ Fiasp PumpCart vojt mill-pompa tiegħek**

- Segwi l-istruzzjonijiet fil-manwal għall-utent tal-pompa sabiex tneħħi skartoċċ PumpCart vojt mill-pompa tiegħek.

- Neħħi l-adapter tas-sett tal-infużjoni mill-iskartoċċ PumpCart vojt.

- Armi l-iskartoċċ PumpCart vojt u s-sett tal-infużjoni użat skont kif qallek it-tabib jew in-ners tiegħek.

- Segwi l-passi kif deskritti f'sezzjoni 1 u 2 sabiex tipprepara u ddaħħal skartoċċ PumpCart ġdid fil-pompa tiegħek.